- (11) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnotat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel il-ġdid kienet imsejsa fuq id-*data* xjentifika dwar il-ġestjoni tal-kultivazzjoni tal-pjanta *Jatropha curcas* L. u l-użu tal-markaturi molekulari, fuq id-*data* tal-kompożizzjoni li tinkludi l-informazzjoni nutrizzjonali u d-*data* dwar l-allerġeni, fuq l-informazzjoni dwar il-kontaminanti bijoloġiċi u tal-proċess, fuq il-metodi analitiċi, inkluż il-validazzjoni tagħhom għad-detezzjoni tal-esteri tal-forbol fl-qlub tal-*Jatropha curcas* L., il-proċeduri għall-verifika tal-kontenut tal-esteri tal-forbol tal-qlub tal-*Jatropha curcas* L., fuq l-assaġġi tal-mutazzjoni invertita batterika bil-grixa bix-xaħam imneħħi u biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L. li tittiekel u ta' dik li ma tittikilx, u t-testijiet *in vitro* tal-mikronukleu taċċelloli tal-mammiferi mal-grixa bix-xaħam imneħħi u biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L. li tittiekel u ta' dik li ma tittikilx, li mingħajrhom ma kintx tkun tista' tivvaluta l-ikel il-ġdid u tilħaq il-konklużjoni tagħha.
- (12) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq dawk l-istudji u t-testijiet u jiċċara t-talba tiegħu għad-dritt esklużiv ta' referenza għalihom f'konformità mal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (13) L-applikant iddikjara li meta tressqet l-applikazzjoni, kellu d-drittijiet proprjetarji u esklużivi li jikkonċernaw id-*data* xjentifika mill-ġestjoni tal-kultivazzjoni tal-pjanta *Jatropha curcas* L. u l-użu tal-markaturi molekulari, id-*data* tal-kompożizzjoni li tinkludi l-informazzjoni nutrizzjonali u d-*data* dwar l-allerġeni, l-informazzjoni dwar il-kontaminanti bijoloġiċi u tal-proċess, il-metodi analitiċi, inkluż il-validazzjoni tagħhom għad-detezzjoni tal-esteri tal-forbol fil-qlub tal-*Jatropha curcas* L., il-proċeduri tal-metodu tal-kampjunar għall-verifika tal-kontenut tal-esteri tal-forbol tal-qlub tal-*Jatropha curcas* L., l-assaġġi tal-mutazzjoni invertita batterika bil-grixa bix-xaħam imneħħi u

<sup>(9)</sup> JatroSolutions GmbH (2021, mhux ippubblikati).

<sup>(10)</sup> JatroSolutions GmbH (2021, mhux ippubblikati).

<sup>(11)</sup> JatroSolutions GmbH (2021, mhux ippubblikati).

<sup>(12)</sup> *EFSA Journal* 2022; 20(1):6998.

biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L. li tittiekel u ta' dik li ma tittikilx, u t-testijiet *in vitro* tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi bil-grixa bix-xaħam imneħħi u biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L. li tittiekel u ta' dik li ma tittikilx, u għalhekk il-partijiet terzi ma setgħux jaċċessaw, jużaw jew jirreferu għal dik id-*data* b'mod legali.

- (14) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant u qieset li kien issostanzja biżżejjed it-tweqqi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant, id-*data* xjentifika dwar il-ġestjoni tal-kultivazzjoni tal-pjanta *Jatropha curcas* L. u l-użu tal-markaturi molekulari, id-*data* tal-kompożizzjoni li tinkludi l-informazzjoni nutrizzjonali u d-*data* dwar l-allerġeni, l-informazzjoni dwar il-kontaminanti bijoloġiċi u tal-proċess, il-metodi analitiċi u l-validazzjoni tagħhom għad-detezzjoni tal-esteri tal-forbol fil-qlub tal-*Jatropha curcas* L., il-proċeduri għall-verifika tal-kontenut tal-esteri tal-forbol tal-qlub tal-*Jatropha curcas* L., l-assaġġi tal-mutazzjoni invertita batterika bil-grixa bix-xaħam imneħħi u biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L., u t-testijiet *in vitro* tal-mikronukleu taċ-ċelloli tal-mammiferi bil-grixa bix-xaħam imneħħi u biż-żejt taż-żerriegħa tal-*Jatropha curcas* L. li tittiekel u ta' dik li ma tittikilx, jenħtieġ li jkunu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed il-qlub tal-*Jatropha curcas* L. fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (15) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-qlub tal-varjetà li tittiekel tal-*Jatropha curcas* L. u tar-referenza għad-*data* xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikant għall-użu uniku ta' dan tal-aħħar, ma twaqqafx applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iqiegħdu fis-suq l-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tkun abbażi ta' informazzjoni li tkun inkisbet legalment biex tappoġġa tali awtorizzazzjoni.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Il-qlub mill-varjetà li tittiekel tal-*Jatropha curcas* L. huma awtorizzati għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni.

Il-qlub mill-varjetà li tittiekel tal-*Jatropha curcas* L. għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Il-kumpanija "JatroSolutions GmbH" <sup>(13)</sup> biss hija awtorizzata li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni l-ikel il-ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' ħames snin mit-12 ta' Lulju 2022, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għad-*data* xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi qbil ma' "JatroSolutions GmbH".

#### Artikolu 3

Id-*data* xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandha tintuża għall-benefiċċju ta' ebda applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mit-12 ta' Lulju 2022 mingħajr ma jsir ftehim ma' "JatroSolutions GmbH".

#### Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(13)</sup> Indirizz: Echterdinger Strasse 30, 70599 Stuttgart, il-Ġermanja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-Data
<b>"Qlub (tal-varjeta li tittiekel) tal-<i>Jatropha curcas</i> L.</b>	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi (g/100 g)</i>	Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "qlub mill-varjeta li tittiekel tal- <i>Jatropha curcas</i> L."		Awtorizzat nhar it-12 ta' Lulju 2022. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza u <i>data</i> xjentifiċi proprjetarji protetti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant: "JatroSolutions GmbH", Echterdinger Strasse 30, 70599 Stuttgart, il-Ġermanja. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad- <i>data</i> , l-ikel il-ġdid "qlub mill-varjeta li tittiekel tal- <i>Jatropha curcas</i> L." huwa awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn "JatroSolutions GmbH" biss, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dan l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad- <i>data</i> xjentifika proprjetarja u protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi qbil ma' "JatroSolutions GmbH". Id- <i>data</i> ta' tmiem il-protezzjoni tad- <i>data</i> : it-12 ta' Lulju 2027."
	Qlub fl-istat naturali, ikkonfettati jew ippreservati fiz-zokkor u bħala ġewż ipproċessat				
	Bars taċ-ċereali	5			
	Ċereali tal-kolazzjon	5			
	Frott imnixxef	5			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

L-ikel il-Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjoni
<b>"Qlub (mill-varjeta li tittiekel) tal-<i>Jatropha curcas</i> L.</b>	<p><b>Deskrizzjoni:</b> Il-qlub jinkisbu miż-żrieragħ tal-frott misjur tal-varjeta li tittiekel tal-pjanti tal-<i>Jatropha curcas</i> L. li jipproduċu qlub b'livelli ta' esteri tal-forbol mhux traċċabbli, wara serje ta' passi li jinvolvu t-tindif u t-tehlif tal-frott biex jinkisbu ż-żrieragħ, it-tnixxif taż-żrieragħ, it-tindif taż-żrieragħ biex jitneħħew il-fdalijiet u residwi oħra, it-tfesdiq mekkaniku taż-żrieragħ biex jinkisbu l-qlub, u t-trattament idrotermali (&gt; 120 °C għal 40 minuta) tal-qlub biex jitnaqqsu l-antinutrijenti u l-kwantità mikrobijoloġika.</p> <p>Peress li l-varjeta li tittiekel tal-pjanti <i>Jatropha curcas</i> L. u li tipproduċi qlub li fihom livelli ta' esteri tal-forbol mhux traċċabbli, mhijiex fenotipikament distingwibbli mill-varjeta li ma tittikilx, jenħtieġ li fil-produzzjoni tal-ikel il-ġdid tintuża biss il-varjeta xierqa li tittiekel tal-pjanti <i>Jatropha curcas</i> L. Il-proċess kollu tal-produzzjoni jrid jiżgura li l-qlub li jittieklu ma jitħalltux ma' dawk li ma jittiklux.</p>

In-nuqqas ta' taħlit ta' qlub li jittieku ma' qlub li ma jittiklux għandu jiġi kkonfermat minn kontrolli analitiċi għall-esteri tal-forbol li jsiru fuq kull lott taż-żrieragħ wara l-istadju tat-tnixxif taż-żrieragħ u qabel l-istadju tat-tfesdiq skont il-metodu tal-kampjunar tat-Tabella A. Ħames kampjuni tal-laboratorju estratti minn kull kampjun aggregat jifsedqu, jintaħnu, u jiġu analizzati għall-esteri tal-forbol bl-użu ta' metodu vvalidat tal-UHPLC-UV-MS<sup>(b)</sup>. Huma biss dawk il-lottijiet li fihom l-esteri tal-forbol ma jkunu traċċabbli fl-ebda mill-ħames kampjuni li jtkompla l-ipproċessar tagħhom għall-istadji tat-trattament idrotermali tal-qlub u tat-tfesdiq taż-żrieragħ.

Tabella A

Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet	Għadd ta' kampjuni inkrementali
≥ 500	100 tunnellata	100
> 100 u < 500	5 sublottijiet	100
> 10 u ≤ 100	5 sublottijiet	100
> 5,0 u ≤ 10	-	80
> 1 u ≤ 5,0	-	60
> 0,1 u ≤ 1,0	-	30
≤ 0,1	-	10

Il-kampjuni ta' kull sublott għandhom jittieħdu separatament. Il-kampjuni aggregati huma magħmula minn tal-inqas 10 kampjuni inkrementali. L-ammont minimu ta' kampjun aggregat għandu jkun ta' 3,5 kg. Dan l-ammont jista' jżied b'mod proporzjonali skont l-għadd ta' kampjuni inkrementali li jittieħdu.

**Karatteristiċi/Kompożizzjoni:**

Indewwa: ≤ 3,0 %

Total ta' xaħam: 54,0 - 61,0 %

Total ta' proteina: 21,0 - 32,0 %

Total ta' fibra: 6,0 - 10,0 %

Irmied: 3,0 - 5,0 %

**Kontaminanti:**

Esteri tal-forbol (µg TPA eq<sup>(a)</sup>/g qalb)<sup>(b)</sup>: ≤ 0,75 (LOD)<sup>(c)</sup>

Ċomb: ≤ 0,20 mg/kg

Kadmju: ≤ 0,20 mg/kg

Somma ta' aflatossini B1, B2, G1, G2: ≤ 4,0 µg/kg

**Kriterji mikrobijoloġiċi:**

Għadd totali tal-kolonji aerobiċi: ≤ 1 000 CFU/g

Għadd totali tal-ħmira/moffa: ≤ 100 CFU/g

<p>Enterobacteriaceae: <math>\leq 10</math> CFU/g</p> <p><i>Salmonella</i> sp.: Assenti f' 25 g</p> <p><i>Listeria monocytogenes</i>: <math>\leq 100</math> CFU/g</p> <p><sup>(a)</sup> TPAeq; l-ekwivalenti għal 12-O-tetradekanojlforbol-13-aċetat; <sup>(b)</sup> Il-metodu vvalidat tal-Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja Ħafna abbinata mal-Ispettrofotometrija tal-Ultravjola u mal-Ispettrometrija tal-Massa (UHPLC-UV-MS) għad-detezzjoni tal-qċaċet tal-esteri tal-forbol; <sup>(c)</sup> Limitu ta' detezzjoni (Il-lottijiet b'konċentrazzjonijiet ta' esterj tal-forbol taħt il-limitu ta' detezzjoni (LOD) biss jistgħu jiġu pproċessati bis-sħiħ); CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li jiffurmaw kolonji)"</p>
---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/966

tal-21 ta' Ġunju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 rigward il-kundizzjonijiet tal-użu, ir-rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi u l-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel il-ġdid iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470<sup>(2)</sup> stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.
- (3) Il-lista tal-Unjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 mal-ikel il-ġdid awtorizzat tinkludi liż-żejt tal-*Calanus finmarchicus*.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2353<sup>(3)</sup>, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(4)</sup>, awtorizzat it-tqegħid fis-suq taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* bħala ikel ġdid biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali.
- (5) Fit-30 ta' Novembru 2021, il-kumpanija "Calanus A/S" ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex jinbidlu l-ispeċifikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet tal-użu, u r-rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi tal-ikel il-ġdid iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus*". L-applikant ippropona li l-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* għall-esteri tal-astaksantin jinbidlu sal-livell ta' 0,25 %. Talab li mal-livell massimu ta' < 0,1 % tal-esteri tal-astaksantin fiż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* għall-popolazzjoni ġenerali, jiżdied livell massimu ieħor għall-esteri tal-astaksantin sa' 0,25 % għall-persuni li jkollhom iktar minn 14-il sena. Għas-supplimenti tal-ikel maħsubin għall-popolazzjoni ġenerali li fihom il-livell awtorizzat attwalment ta' < 0,1 % esteri tal-astaksantin, l-applikant ippropona li l-livell tal-użu taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* ta' 2,3 g kuljum awtorizzat attwalment, jitnaqqas għal 1,0 % kuljum u jiġi eskluż l-użu għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.
- (6) B'riżultat tal-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* u fil-kundizzjonijiet tal-użu ta' dan l-ikel ġdid, l-applikant ippropona li ssir emenda għat-tikkettar tiegħu biex ikun żgurat li l-konsumaturi jużaw biss is-supplimenti tal-ikel li jkunu maħsubin għall-grupp tal-età tagħhom. Barra minn hekk fid-dawl tal-użu attwali tas-supplimenti tal-ikel li fihom l-esteri tal-astaksantin fis-suq tal-Unjoni, l-applikant ippropona wkoll li jkun hemm tikkettar speċifiku addizzjonali li javża lill-konsumaturi ma jeħdux is-supplimenti tal-ikel taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* fl-istess jum li jieħdu supplimenti tal-ikel oħrajn li fihom l-esteri tal-astaksantin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2353 tal-14 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żejt minn *Calanus finmarchicus* bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 336, 16.12.2017, p. 45).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

- (7) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-aġġornament mitlub tal-lista tal-Unjoni li jikkonċerna l-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus*, u l-bidliet konsegwenti fil-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu għall-gruppi tal-popolazzjoni li jkollhom iktar minn 14-il sena x'aktarx li mhux se jkollhom effett fuq is-saħħa tal-bniedem, u li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Iż-żieda tal-esteri tal-astaksantin fiż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* minn < 0,1 % għal ≤ 0,25 % fis-supplimenti tal-ikel maħsubin għall-gruppi tal-popolazzjoni li jkollhom aktar minn 14-il sena hija mistennija li tirriżulta f'konsum tal-esteri tal-astaksantin li, flimkien ma' dawk mid-dieta normali, mhuwiex mistenni li jaqbeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum ta' 0,2 mg astaksantin/kg skont il-piż stabbilita mill-Awtorità <sup>(3)</sup>.
- (8) Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-aġġornament mitlub tal-lista tal-Unjoni li jikkonċerna t-tnaqqis tal-livelli tal-użu awtorizzati atwalment taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* minn 2,3 g kuljum għal 1,0 g kuljum fis-supplimenti tal-ikel maħsubin għall-popolazzjoni ġenerali li jkun fihom < 0,1 % esteri tal-astaksantin, u l-esklużjoni tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar ukoll x'aktarx li ma jkollux effett fuq is-saħħa tal-bniedem, u li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-esklużjoni tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar hija ġġustifikata minħabba li l-konsum tal-esteri tal-astaksantin flivelli ta' < 0,1 % mis-supplimenti tal-ikel li fihom iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* flimkien mal-esteri tal-astaksantin mid-dieta normali hija mistennija li taqbeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum riveduta, li hi 0,2 mg għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem, stabbilita mill-Awtorità għal dawn il-gruppi ta' konsumaturi.
- (9) Il-bidla proposta fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-kundizzjonijiet tal-użu taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* fir-rigward tal-valuri tal-esteri tal-astaksantin taqbel mal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tas-sikurezza li wettqet l-Awtorità fuq l-astaksantin. Għalhekk jixraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* għal-livelli tal-esteri tal-astaksantin proposti.
- (10) Il-bidliet proposti fir-rekwiżiti għat-tikkettar taż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* jaqblu mal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tas-sikurezza li wettqet l-Awtorità fuq l-astaksantin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jixraq li jiġu stabbiliti aktar rekwiżiti għat-tikkettar biex jiġi pprevenut il-konsum simultanju ta' supplimenti tal-ikel li fihom l-astaksantin, li x'aktarx ikun jaqbeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum stabbilita mill-Awtorità. Għalhekk jixraq li jiddaħħlu iżjed rekwiżiti għat-tikkettar ta' dak l-ikel il-ġdid.
- (11) L-informazzjoni li nġhatat fl-applikazzjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bidliet mitluba fil-kundizzjonijiet tal-użu, fir-rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi u fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel il-ġdid iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* huma f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283 u jenħtieġ li jiġu approvati.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.
- (13) Biex l-operaturi tan-negozji jingħataw biżżejjed żmien jaġġustaw il-prattiki tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali rigward is-supplimenti tal-ikel li fihom iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew li ntbagħtu minn pajjiżi terzi għall-użu fl-Unjoni skont il-liġi qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(3)</sup> Safety of astaxanthin for its use as a novel food in food supplements; EFSA Journal 2020;18(2):5993.



*Artikolu 2*

1. Is-supplimenti tal-ikel li fihom iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* li tqiegħdu fis-suq skont il-liġi qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data tad-durabbiltà minima jew sad-data li fiha jridu jkunu ntużaw.
2. Is-supplimenti tal-ikel li fihom iż-żejt tal-*Calanus finmarchicus* li ntbagħtu minn pajjiż terz u li kienu fi triqithom lejn l-Unjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li kienu jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data tad-durabbiltà minima jew sad-data li fiha jridu jkunu ntużaw.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat), l-entrata taż-“żejt tal-*Calanus finmarchicus*” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“L-ikel il-ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
<b>Żejt tal-<i>Calanus finmarchicus</i></b>	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi</i>	1. Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun ‘Żejt tal- <i>Calanus finmarchicus</i> (krustaċju)’  2. It-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom iż-żejt tal- <i>Calanus finmarchicus</i> għandu jkollu dikjarazzjoni li daww is-supplimenti tal-ikel m'għandhomx jiġu kkunsmati: (a) jekk jittieħdu supplimenti tal-ikel oħrajn li fihom l-esteri tal-astaksantin fl-istess jum; (b) mit-trabi u mit-tfal li jkollhom inqas minn 3 snin; (c) mit-tfal li jkollhom inqas minn 14-il sena jekk l-ingredjent ikun fih $\geq 0,1$ % astaksantin.”	
	Supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar	1,0 g kuljum ( $< 0,1$ % esteri tal-astaksantin, li jwassal għal $< 1,0$ mg ta' astaksantin kuljum) għall-popolazzjoni ġenerali minbarra t-trabi u t-tfal iż-żgħar  2,3 g kuljum (minn $0,1$ % għal $\leq 0,25$ % esteri tal-astaksantin, li jwassal għal $\leq 5,75$ mg ta' astaksantin kuljum) għall-popolazzjoni ġenerali li jkollha iktar minn 14-il sena		

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), l-entrata taż-“żejt tal-*Calanus finmarchicus*” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“L-ikel il-ġdid awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
<b>Żejt tal-<i>Calanus finmarchicus</i></b>	<b>Deskrizzjoni/Definizzjoni:</b> Dan l-ikel il-ġdid huwa żejt lewn ir-rubini, kemxejn viskuż b'riħa haġifa ta' frott tal-baħar, estratt mill-krustaċju (zooplankton marin) <i>Calanus finmarchicus</i> . L-ingredjent jikkonsisti primarjament minn esteri tax-xama' ( $> 85$ %) b'ammonti żgħar ta' trigliċeridi u lipidi newtrali oħrajn. <b>Speċifikazzjonijiet:</b> Ilma: $< 1,0$ % Esteri tax-xama': $> 85$ % Total ta' aċidi xaħmin: $> 46$ % Aċidu Ejkosaptenojku (EPA): $> 3,0$ %

	Aċidu dokosaeżaenojku (DHA): > 4,0 % Total ta' alkoħols xaħmin: > 28 % C20:1 n-9 alcohol xaħmi: > 9,0 % C22:1 n-11 alcohol xaħmi: > 12 % Aċidi xaħmin trans: < 1,0 % Esteri tal-astaksantin: ≤ 0,25 % Valur tal-perossidu (PV): < 3,0 meq. O <sub>2</sub> /kg <sup>g</sup> .
--	--

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/967

tat-13 ta' Ġunju 2022

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda tal-Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 436(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet għall-finijiet tal-kisba tal-objettivi tal-Ftehim.
- (3) Sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet qablu li jistabbilixxu aġenda ta' assoċjazzjoni bil-ħsieb li jipprovdu lista ta' prijoritajiet għall-ħidma konġunta tagħhom skont is-settur.
- (4) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-rakkomandazzjoni dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027 permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027 se tkun il-bażi għall-ipprogramar taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027 għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilita mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FESNEAU

---

**ABBOZZ****RAKKOMANDEZZJONI Nru .../2022 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE - IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA****ta' ...****dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE - IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 436(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet, bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 453(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-oġettivi stipulati fil-Ftehim.
- (4) L-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (5) L-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi qablu fuq sett ta' prijoritajiet għall-perijodu bejn l-2021 u l-2027 għall-ħidma konġunta lejn il-kisba tal-oġettivi ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika kif stipulati fil-Ftehim.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027, li se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni fir-rigward tal-interessi kondiviżi identifikati b'mod komuni,

ADOTTA R-RAKKOMANDEZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplementaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, kif tinsab fl-Anness (\*).

*Artikolu 2*

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, kif tinsab fl-Anness, għandha tissostitwixxi l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova li ġiet adottata fid-19 ta' Awwissu 2017.

*Artikolu 3*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU UE L 260, 30.8.2014, p. 4.

(\*) Araw id-dokument ST 6701/22 ADD 2 fuq <https://register.consilium.europa.eu>

Magħmula fi ...

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni  
Il-President*

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/968**  
**tas-16 ta' Ġunju 2022**  
**li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Repubblika ta' Ċipru u minn Malta,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-mandat tas-Sur Leo BRINCAT ser jiskadi fit-30 ta' Settembru 2022.
- (2) Il-mandat tas-Sur Lazaros LAZAROU ser jiskadi fl-1 ta' Novembru 2022.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li jinħatru żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Qorti tal-Awdituri:

- Is-Sur Lefteris CHRISTOFOROU, għall-perjodu mit-2 ta' Novembru 2022 sal-1 ta' Novembru 2028,
- Is-Sur George Marius HYZLER, għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
O. DUSSOPT

---

<sup>(1)</sup> Opinjonijiet tat-3 ta' Mejju 2022 (għadhom mhux ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).



## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/969

tas-16 ta' Ġunju 2022

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki tar-regolamenti tan-NU Nru 12, 13, 13-H, 22, 24, 48, 49, 51, 53, 54, 74, 79, 85, 86, 90, 100, 106, 109, 117, 127, 129, 131, 135, 136, 137, 141, 145, 148, 149, 150, 157 u 162, fir-rigward tal-proposta għal modifiki għall-GTR tan-NU Nru 2, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-twissija tar-rivers, fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, fir-rigward tal-proposta għal Riżoluzzjoni Konsolidata ġdida dwar il-kejl tan-numru ta' partikuli ultrafini għal magni heavy duty, u fir-rigward tal-proposta għal awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata l-Emenda 4 għall-GTR tan-NU Nru 3**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE <sup>(1)</sup>, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE <sup>(2)</sup>, l-Unjoni ssieħbet mal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("il-Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> jstabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (id-'WP.29 tan-NU/KEE') jista' jadotta proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU, għar-Regolamenti Tekniċi Globali ('GTRs tan-NU') u għar-Riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal Regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u Riżoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NU/KEE jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu fittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (Ftehim Rivedut tal-1958) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (Ftehim Parallel) (2000/125/KE) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (5) Fil-187 sessjoni tal-Forum Dinji li ser isir bejn il-21 u l-24 ta' Ġunju 2022, id-WP.29 tan-NU/KEE bi ħsiebu jadotta l-proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 12, 13, 13-H, 22, 24, 48, 49, 51, 53, 54, 74, 79, 85, 86, 90, 100, 106, 109, 117, 127, 129, 131, 135, 136, 137, 141, 145, 148, 149, 150, 157 u 162; il-proposta għal modifiki għall- GTR tan-NU Nru 2; il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-twissija tar-rivers; il-proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti; u l-proposta għal Riżoluzzjoni Konsolidata ġdida dwar il-kejl tan-numru ta' partikuli ultrafini għal magni heavy duty. Barra minn hekk, id-WP.29 tan-NU/KEE bi ħsiebu jadotta l-proposta għall-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata l-Emenda 4 għall-GTR tan-NU Nru 3 dwar is-sistemi tal-ibbrejjar tal-muturi.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fid-WP.29 tan-NU/KEE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawg il-proposti, peress li r-Regolamenti tan-NU ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni u, flimkien mal-GTRs tan-NU u r-Riżoluzzjonijiet tan-NU, huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi..
- (7) Fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li jiġu emendati jew supplimentati r-rekwiżiti relatati ma' ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti tan-NU Nri 12, 13, 13-H, 22, 24, 48, 49, 51, 53, 54, 74, 79, 85, 86, 90, 100, 106, 109, 117, 127, 129, 131, 135, 136, 137, 141, 145, 148, 149, 150, 157, 162, u l-GTR tan-NU Nru 2.
- (8) Sabiex jiġi rifless il-progress tekniku u sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-vetturi filwaqt li titnaqqas l-impronta ambjentali, jeħtieġ li jiġu adottati Regolament ġdid tan-NU dwar it-Twissija tar-Rivers, GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti u Riżoluzzjoni Konsolidata ġdida dwar il-kejl tan-numru ta' partikuli ultrafini għal magni heavy duty,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-187 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE li ser isir bejn il-21 u l-24 ta' Ġunju 2022 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

O. DUSSOPT

## ANNEX

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
12	Proposta għas-serje ta' emendi 05 għar-Regolament tan-NU Nru 12 (Mekkaniżmu tal-isteering) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 8, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/18, kif emendat bl-Anness II tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/69
13	Proposta għal Supplement 19 tas-serje ta' emendi 11 għar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar ta' vetturi tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 82, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/9	ECE/TRANS/WP.29/2022/77
13	Proposta għal Supplement 1 tas-serje ta' emendi 12 għar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar ta' vetturi tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 82, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/9	ECE/TRANS/WP.29/2022/78
13-H	Proposta għal Supplement 4 tar-Regolament tan-NU Nru 13-H (Ibbrejkjar ta' vetturi ħfief) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 83, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/10, kif emendat bi GRVA-12-24	ECE/TRANS/WP.29/2022/79
22	Proposta għas-Supplement 2 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 22 (Elmi protettivi) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 16, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/24, kif emendat bl-Anness III tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/63
24	Proposta għas-Supplement 8 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 24 (Tniġġis viżibbli, il-kejl tas-saħħa tal-magna C.I. (Duħħan tad-diżil)) ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 35, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2022/4	ECE/TRANS/WP.29/2022/73
48	Proposta għas-Supplement 16 tas-serje ta' emendi 06 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafi 17, 31 u 33, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/16 kif emendat bi GRE-85-23, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/18 kif emendat bi GRE-85-33 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/5/Rev.2 kif emendat bi GRE-85-26	ECE/TRANS/WP.29/2022/89
48	Proposta għas-Supplement 3 tas-serje ta' emendi 07 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafi 17, 31 u 33, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/16 kif emendat bi GRE-85-23, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/18 kif emendat bi GRE-85-33 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/5/Rev.2, kif emendat bi GRE-85-26	ECE/TRANS/WP.29/2022/90

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (*)
48	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 08 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl)  ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafi 17, 31 u 33, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/16 kif emendat bi GRE-85-23, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/18 kif emendat bi GRE-85-33 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/5/Rev.2 kif emendat bi GRE-85-26	ECE/TRANS/WP.29/2022/91
48	Proposta għas-Suppliment 8 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl)  ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/17, kif emendat bi GRE-85-12 u bil-paragrafu 19 tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/95
48	Proposta għas-Suppliment 21 tas-serje ta' emendi 04 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl)  ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/17, kif emendat bi GRE-85-12 u bil-paragrafu 19 tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/96
48	Proposta għas-Suppliment 16 tas-serje ta' emendi 05 għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl)  ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/17, kif emendat bi GRE-85-12 u bil-paragrafu 19 tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/97
49	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 49 (Emissjonijiet ta' magni li jaqbdu bil-kompressjoni u minn magni li jaqbdu bl-ispark plaggs (LPG u CNG))  (ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 29, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2022/3 u GRPE-85-47 kif emendat bl-Anness IV	ECE/TRANS/WP.29/2022/74
51	Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 51 (L-istorbju mill-vetturi tal-kategoriji M u N)  ECE/TRANS/WP.29/GRBP/72 u ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2021/22 kif emendat bil-paragrafu 5 ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/72, ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/4 kif emendat bi GRBP-75-37, ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/3 kif emendat bi GRBP-75-36 u l-paragrafu 4 ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/8 kif emendat bil-paragrafu 6 ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, GRBP-74-40 kif emendat bil-paragrafu 9 ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73	ECE/TRANS/WP.29/2022/84 WP.29-187-07

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (*)
53	<p>Proposta għas-Suppliment 23 tas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L3)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 23, u ECE/TRANS/WP.29/GRE/83, il-paragrafu 36, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/19 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/13/Rev.1 kif emendat bi GRE-83-51</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/98
53	<p>Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L3)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 24, u ECE/TRANS/WP.29/GRE/83, il-paragrafu 36, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/20 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/13/Rev.1 kif emendat bi GRE-83-51</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/99
53	<p>Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L3)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 24, u ECE/TRANS/WP.29/GRE/83, il-paragrafu 36, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/20 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/13/Rev.1 kif emendat bi GRE-83-51</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/100
54	<p>Proposta għas-Suppliment 25 tas-serje ta' emendi oriġinali għar-Regolament tan-NU Nru 54 (Tajers għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/6 u ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2021/13, kif emendat bi GRBP-75-31-Rev.2</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/85
74	<p>Proposta għas-Suppliment 14 tas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 74 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-mopeds)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 25, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/21</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/101
74	<p>Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 74 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-mopeds)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 25, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/21</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/102
79	<p>Proposta għas-Suppliment 8 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 79 (Tagħmir tal-istearing)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafi 65-66, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/6, kif emendat bi GRVA-12-43 u ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2021/11, kif emendat bi GRVA-12-19</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/80

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (*)
79	Proposta għal Supplement 3 tas-serje ta' emendi 04 għar-Regolament tan-NU Nru 79 (Tagħmir tal-isteering) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafi 65-66, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/6, kif emendat bi GRVA-12-43 u ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2021/11, kif emendat bi GRVA-12-19	ECE/TRANS/WP.29/2022/81
85	Proposta għas-Supplement 11 tar-Regolament tan-NU Nru 85 (Kejl tal-potenza netta u l-potenza ta' 30 min.) ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 37, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2022/5 kif emendat bi GRPE-85-11 u waqt is-sessjoni kif riprodott fl-Anness V	ECE/TRANS/WP.29/2022/75
86	Proposta għas-Supplement 4 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl għall-vetturi agrikoli) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 26, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/22	ECE/TRANS/WP.29/2022/103
86	Proposta għas-Supplement 1 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bidawl għall-vetturi agrikoli) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 26, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/22	ECE/TRANS/WP.29/2022/104
90	Proposta għal Supplement 9 tas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 90 (Il-partijiet ta' sostituzzjoni tal-ibbrejtkjar) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 90, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2021/29, kif emendat bi GRVA-12-16	ECE/TRANS/WP.29/2022/82
100	Proposta għas-Supplement 2 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 100 (Vetturi imħaddma bl-enerġija elettrika) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 17, abbażi ta' GRSP-70-26 kif riprodott mill-Anness IV tar-rapport	ECE/TRANS/WP.29/2022/64
106	Proposta għas-Supplement 20 tas-serje oriġinali ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 106 (Tajers għall-vetturi agrikoli u l-karrijiet tagħhom) ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/7	ECE/TRANS/WP.29/2022/86
109	Proposta għas-Supplement 11 tar-Regolament tan-NU Nru 109 (Tajers b'wiċċ ġdid għal vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom) Reviżjoni 1 ECE/TRANS/WP.29/GRBP/72, il-paragrafi 18 u 19, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2021/18 u ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2021/16 kif emendat bl-Anness IV tar-rapport u d-dokument informali WP.29-186-07	ECE/TRANS/WP.29/2022/7/ Rev.1

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (*)
117	<p>Proposta għal serje ġdida ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 117 (Ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRBP/72, il-paragrafu 23 u ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' GRBP-74-33-Rev.1, ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2021/17 kif emendat bi GRBP-74-31-Rev.1 u GRBP-75-25-Rev.1</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/83
127	<p>Proposta għas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament Nru 127 (Sikurezza tal-persuni li jkunu mexjin fit-triq)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 18, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/28 kif emendat bl-Anness V tar-rapport</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/70
129	<p>Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 129 (Sistemi tat-Trażżin tat-Tfal Imtejba)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/7 kif emendat bl-Anness VI tar-rapport</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/65
131	<p>Proposta għas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 131 (Sistema Avanzata għal Ibbrejkjar f'Emerġenza)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 72, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/7, kif emendat bi GRVA-12-49 (riprodott fi GRVA-12-50/Rev.1)</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/76
135	<p>Proposta għas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 135 (Impatt fil-ġenb ma' arblu)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 23, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/21 mhux emendat</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/71
136	<p>Proposta għas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 136 (Vettura elettrika L)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 24, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/22, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/72
137	<p>Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament Nru 137 tan-NU (Impatt frontali b'enfasi fuq is-sistemi ta' trażżin)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 26, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/23, mhux emendat</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/66
137	<p>Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament Nru 137 tan-NU (Impatt frontali b'enfasi fuq is-sistemi ta' trażżin)</p> <p>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 26, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/23, mhux emendat</p>	ECE/TRANS/WP.29/2022/67

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument <sup>(1)</sup>
141	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 141 (Sistemi tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers) ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/2 kif emendat bi GRBP-75-10 u GRBP-75-33	ECE/TRANS/WP.29/2022/87
145	Proposta għas-Suppliment 2 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 145 (Sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/70, il-paragrafu 27, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2021/27 mhux emendat	ECE/TRANS/WP.29/2022/68
148	Proposta għas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 148 (Apparat għas-sinjalar bid-dawl) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafi 9 u 33, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/13, kif emendat bi GRE-85-09 u GRE-85-13, u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/5/Rev.2, kif emendat bi GRE-85-26	ECE/TRANS/WP.29/2022/92
149	Proposta għas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 149 (Apparat għat-tidwil tat-triq) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafi 12 u 31, u ECE/TRANS/WP.29/GRE/83, il-paragrafu 36, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/14 kif emendat bi GRE-85-09 u GRE-85-14, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/18, kif emendat bi GRE-85-33 u ECE/TRANS/WP.29/GRE/2020/13/Rev.1 kif emendat bi GRE-83-51	ECE/TRANS/WP.29/2022/93, WP.29-187-05
150	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 150 (Apparati retroriflettivi) ECE/TRANS/WP.29/GRE/85, il-paragrafu 15, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2021/15, kif emendat bi GRE-85-15	ECE/TRANS/WP.29/2022/94
157	Proposta għas-serje ta' emendi 01 għar-Regolament tan-NU Nru 157 (Sistemi għaż-Żamma Awtomatizzata tal-Korsija) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/3, ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/4, it-tnejn li huma emendati bi GRVA-12-52 GRVA-13-49e	ECE/TRANS/WP.29/2022/59/ Rev.1
162	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje oriġinali ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 162 (Immobilizzaturi) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/102, abbażi ta' GRSG-123-04	ECE/TRANS/WP.29/2022/110
Regolament ġdid	Proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-Twissija tar-Rivers ECE/TRANS/WP.29/GRBP/73, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRBP/2022/5, kif emendat bi GRBP-75-13	ECE/TRANS/WP.29/2022/88

<sup>(1)</sup> Id-dokumenti kollha msemmijin fit-tabella jinsabu fuq: (WP.29) Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti (il-187 sessjoni) | NU/KEE.

Regolament Tekniku Globali Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
2	Proposta għal Emenda 5 ġdida għall-GTR tan-NU Nru 2 (Ċiklu ta' Ttestjar Dinji tal-emissjonijiet tal-Muturi (WMTC)) ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 50, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2022/6 kif emendat bi GRPE-85-38 kif riprodott fl-Addendum 2	ECE/TRANS/WP.29/2022/108



Regolament Tekniku Globali Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
	Proposta għal rapport tekniku dwar l-iżvilupp ta' Emenda 5 ġdida għall-GTR tan-NU Nru 2 (Ċiklu ta' Ttestjar Dinji tal-emissjonijiet tal-Muturi (WMTC)) ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 50	ECE/TRANS/WP.29/2022/109
GTR ġdid	Proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 52, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2022/7, kif emendat bi GRPE-85-39 kif riprodott fl-Addendum 3  Proposta għal rapport tekniku dwar l-iżvilupp ta' GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 52	ECE/TRANS/WP.29/2022/106  ECE/TRANS/WP.29/2022/107

Mixxellanji	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
Riżoluzzjoni Konsolidata	Proposta għal Riżoluzzjoni Konsolidata ġdida dwar il-Kejl tan-Numru ta' Partikuli Ultrafini għal Magni Heavy Duty ECE/TRANS/WP.29/GRPE/85, il-paragrafu 46, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2021/17, kif emendat bi GRPE-85-04-Rev.1 kif riprodott fl-Addendum 1	ECE/TRANS/WP.29/2022/105
Awtorizzazzjoni	Awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata l-Emenda 4 għall-GTR tan-NU Nru 3 (Sistemi tal-ibbrejtkar tal-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2022/47/Rev.1
Linji gwida	Proposta għal Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet dwar ir-Rekwiżiti tas-Sikurezza għas-Sistemi ta' Sewqan Awtomatizzati	ECE/TRANS/WP.29/2022/56
Dokument Master	Proposta għat-tieni iterazzjoni tal-Metodu Ġdid ta' Valutazzjoni/Ittestjar għal Sewqan Awtomatizzati - Dokument Prinċipali ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 24, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/2, kif emendat bi GRVA-12-12 u riprodott fi WP.29-186-09	ECE/TRANS/WP.29/2022/57
Linji gwida	Proposta għal-Linji Gwida għall-Metodu Ġdid ta' Valutazzjoni/Ittestjar għal Sewqan Awtomatizzati (NATM) għall-Validazzjoni tas-Sistema ta' Sewqan Awtomatizzati GRVA-13-35	ECE/TRANS/WP.29/2022/58 WP.29-187-08

Mixxellanji	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
Rakkomandazzjoni	Proposta għal rakkomandazzjonijiet dwar dispożizzjonijiet uniformi rigward iċ-ċibersigurtà u aġġornamenti tas-software ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 47, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2022/5	ECE/TRANS/WP.29/2022/60
Dokument ta' interpretazzjoni	Proposta għal emendi għad-Dokument ta' Interpretazzjoni ECE/TRANS/WP.29/2021/59 tar-Regolament tan-NU Nru 155 (Ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/12, il-paragrafu 46, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/2021/59, kif emendat bi GRVA-12-37	ECE/TRANS/WP.29/2022/61
Linji gwida	Proposta għal emendi għad-dokument "speċifikazzjonijiet u linji gwida dwar l-applikazzjoni għall-modulu tal-Identifikatur Uniku (UI)" ECE/TRANS/WP.29/2019/77 ECE/TRANS/WP.29/1161, il-paragrafu 70, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/2019/77, kif emendat bi WP.29-185-13	ECE/TRANS/WP.29/2022/62

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/970

tas-16 ta' Ġunju 2022

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE <sup>(2)</sup> ('id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali'), huwa għandu jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (2) Skont l-Artikolu 95(4), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-"Ftehim il-ġdid") tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux se jkun lest biex jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2022, id-data tal-iskadenza tal-qfas legali attwali. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar il-miżuri tranżizzjonali sabiex tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (3) L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim l-ġdid jidħol fis-seħħ.
- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE <sup>(3)</sup>. Għaldaqstant huwa l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li għandu jemenda l-miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst ser jorbot lill-Unjoni.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE se jibqgħu jiġu applikati bil-għan li tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet ta' bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumieq maħsuba bħala emendi għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat mill-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 114).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehi ta' Sħubija AKP-UE, għandha tkun li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2023, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għandhom jiġu applikati f'konformità mal-mira u l-għan tal-Artikolu 95(4) tiegħu.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
O. DUSSOPT

---

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2022/971 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Mejju 2022

dwar il-Bażi ta' *Data* Ċentralizzata tat-Titoli u l-produzzjoni ta' statistika dwar il-ħruġ ta' titoli u li tħassar il-Linja Gwida BĊE/2012/21 u l-Linja Gwida (EU) 2021/834 (BĊE/2022/25)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Bażi ta' *Data* tat-Titoli Ċentralizzati (CSDB) hija infrastruttura unika tat-teknoloġija tal-informazzjoni, operata b'mod konġunt mill-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), inklużi banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi mhux taż-żona tal-euro") fejn dawn il-BĊNi mhux taż-żona tal-euro jipparteċipaw b'mod volontarju fl-operazzjoni tas-CSDB. Is-CSDB taħżen id-*data* partita b'partita, b'mod partikolari, id-*data* dwar titoli, l-emittenti tagħhom u l-prezzijiet u l-klassifikazzjonijiet tagħhom. Il-proċessi ewlenin tal-operazzjoni tas-CSDB jinkludu l-forniment ta' *data* tal-input, l-ipproċessar ta' dik id-*data* tal-input, it-tweqqif ta' ġestjoni tal-kwalità tad-*data* (DQM) u l-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' *data* tal-output li tikkonsisti f'*data* parta b'partita u informazzjoni aggregata. Għadd ta' bidliet f'dawn il-proċessi jeħtieġu l-adozzjoni ta' Linja Gwida ġdida biex jiġi żgurati li jkun hemm arranġamenti ċari u ċerti għall-governanza tas-CSDB. Fl-interess taċ-ċertezza legali, il-Linja Gwida BĊE/2012/21 tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(2)</sup> u l-Linja Gwida (UE) 2021/834 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/15) <sup>(3)</sup>, li sal-lum irregolaw il-qafas tal-ġestjoni tal-kwalità tad-*data* tas-CSDB u r-rappurtar ta' informazzjoni statistika dwar ħruġ ta' titoli, għandhom jitħassru.
- (2) Biex jissaħħu l-analizzijiet tal-istabbiltà tal-politika monetarja u finanzjarja għaż-żona tal-euro u l-Unjoni, biex jingħata kontribut għall-produzzjoni ta' statistika sekondarja, biex jiġu ssodisfati l-impenji ta' rappurtar taż-żona tal-euro dwar l-istatistika tal-ħruġ ta' titoli ta' dejn fil-kuntest tal-Inizjattiva tal-G20 dwar lakuni fid-*data* u biex jiġi vvalutat ir-rwol tal-euro fis-swieq finanzjarji internazzjonali, l-istatistika dwar il-ħruġ ta' titoli ta' kull xahar li tkopri l-istokk u l-aggregati tal-flussi tal-ħruġ ta' titoli hija prodotta minn *data* b'partita b'partita tas-CSDB (iktar 'il quddiem "statistika aggregata tas-CSEC"). Għaldaqstant, l-istatistika aggregata tas-CSEC għandha tiġi kkompilata fis-CSDB, u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi") u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandhom ikunu responsabbli għall-verifika tal-istatistika aggregata tas-CSEC u għad-DQM tad-*data* sottostanti tas-CSDB partita b'partita.

<sup>(1)</sup> ĠUL 318, 27.11.1998, p. 8.

<sup>(2)</sup> Linja Gwida BĊE/2012/21 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Settembru 2012 dwar il-qafas ta' mmaniġġjar tal-kwalità tad-dejta għall-Bażi ta' data Ċentralizzata dwar it-Titoli (ĠUL 307, 7.11.2012, p. 89)

<sup>(3)</sup> Linja Gwida (UE) 2021/834 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar il-ħruġ ta' titoli (BĊE/2021/15) (ĠUL 208, 11.6.2021, p. 311).

- (3) Il-forniment ta' *data* tal-input għas-CSDB jinvolvi l-ġbir ta' *data* minn diversi sorsi u t-trażmissjoni tagħha lill-BĊE permezz tas-CSDB. Dan il-ġbir mill-BĊE huwa meħtieġ sabiex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-politika monetarja u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dawn is-sorsi jinkludu l-BĊNi u l-BĊNi mhux fiż-żona tal-euro, sorsi interni għall-BĊE, ċerti fornituri ta' *data* kummerċjali, sorsi amministrattivi, u d-dominju pubbliku.
- (4) Sabiex tiġi konnessa d-*data* titolu b'titolu miġbura minn sorsi differenti u sabiex jiġu evitati rekords duplikati, it-titoli kollha li huma trażmessi lis-CSDB għandhom jiġu identifikati b'mod uniku permezz ta' Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (kodiċi ISIN). Sabiex jiġi żgurat ir-raggruppament korrett tad-*data* tal-input ipprovduta mill-BĊNi u l-irbit preċiż tad-*data* tas-CSDB ma' informazzjoni statistika oħra tas-SEBĊ, il-BĊNi għandhom jipprovdu, bħala parti mid-*data* ta' referenza tal-input tagħhom dwar l-emittenti, mill-inqas identifikatur ta' entità li jgħaqqad wieħed li huwa inkluż fil-Bażi tad-*Data* tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD). Barra minn hekk, biex jiġi ffaċilitat ir-raggruppament korrett tad-*data* ta' referenza tal-emittent minn sorsi differenti u r-rabta preċiża ma' informazzjoni statistika oħra tas-SEBĊ, għandu jiġi pprovdut Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) meta jkun disponibbli.
- (5) Il-kwalità ġenerali tad-*data* partita b'partita tas-CSDB tista' tiġi vvalutata biss fil-livell tal-output, aktar milli fil-livell ta' settijiet individwali ta' *data* tal-input. Sabiex tiġi żgurata l-kompletezza, l-preċiżjoni u l-konsistenza tad-*data* tal-output, huwa neċessarju li jiġi definit qafas DQM biex jiġi applikat lill-output feed *data* li hija subsett tad-*data* tal-output li jista' jintuża biex tappoġġa l-produzzjoni ta' statistika jew għal użi oħrajn.
- (6) Il-qafas tad-DQM tas-CSDB għandu jkun applikat lill-output feed *data* irrispettivament mis-sors tad-*data* tal-input. Huwa għandu jstabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-BĊNi u tal-BĊE għall-kwalità tad-*data* tal-output fis-CSDB. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja ta' *output feed data* u l-istatistika aggregata tas-CSEC, u sabiex il-BĊE jkun jista' jipprovdi stampa tad-*data* tal-output feed u l-istatistika aggregata tas-CSEC b'mod f'waqtu, il-BĊNi u l-BĊE għandhom jiverifikaw l-output feed *data* u statistika aggregata tas-CSEC sa data speċifikata.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-*data* tas-CSDB partita b'partita u tal-istatistika aggregata storika tas-CSEC, u sabiex jiġi appoġġat l-allinjament tal-bażijiet tad-*data* nazzjonali titolu b'titolu tal-BĊNi u s-CSDB, il-BĊNi li tejbu d-*data* tal-input tagħhom għandhom jipprovdu fajls tad-*data* tal-input riveduti lis-CSDB jew jużaw is-sistema CSDB biex jikkoreġu d-*data*.
- (8) Peress illi s-CSDB jitħaddem b'mod konġunt mill-membri kollha tas-SEBĊ, huma għandhom kollha jimmiraw li jsegwu l-istess standards tad-DQM. Fejn BĊN jixtieq iwettaq DQM li jaffettwa d-*data* tas-CSDB relatata ma' residenti f'pajjiżi oħra, huwa għandu jikkoordina mal-BĊNi u l-BĊNi mhux fiż-żona tal-euro u mal-BĊE, kif ikun rilevanti, biex jiddefinixxi b'mod ċar il-konfini ta' tali DQM. Barra minn dan, BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro huma fl-aqwa pożizzjoni biex iwettqu DQM fuq id-*data* relatata ma' emittenti li jirrisjedu fl-Istati Membri rispettivi tagħhom. Filwaqt illi huwa rikonoxxut illi linji gwida adottati mill-BĊE ma jstgħux jimponu obbligi fuq BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro, l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew japplika kemm għall-BĊNi taż-żona tal-euro kif ukoll għal dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Dan jimplika obbligu fuq il-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro biex b'hekk ifasslu u jimplimentaw il-miżuri kollha li huma jqisu xierqa sabiex iwettqu DQM ta' *data* tal-output tas-CSDB u statistika aggregata tas-CSEC skont din il-Linja Gwida. Barra minn hekk, sabiex il-BĊE jkun jista' jikseb ħarsa ġenerali komprensiva tat-tagħrif statistiku miġbur u jwettaq analiżi rilevanti, il-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jadottaw l-euro għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu lill-BĊE b'tagħrif statistiku li jkopri perjodu speċifikat qabel l-adozzjoni tal-euro minnhom.
- (9) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data* tal-output, għandha ssir ġestjoni tas-sors tad-*data* (DSM - Data Source Management) bil-għan li jiġu identifikati u kkoreġuti żbalji ripetittivi u/jew strutturali fid-*data* tal-input. DSM għandu jitwettaq mill-BĊE fir-rigward ta' *data* tal-input ipprovduta minn sorsi ta' *data* kummerċjali u mill-BĊNi fir-rigward tad-*data* tal-input tagħhom stess.
- (10) Għandhom jiġu stabbiliti regoli komuni għall-pubblikazzjoni mill-BĊNi ta' statistika aggregata bl-użu ta' *data* CSDB sabiex jiġi żgurat rilaxx ordnat tal-aggregati ewlenin relatati.
- (11) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex isiru emendi tekniċi lill-annessi ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, iżda dawn l-emendi la għandhom ibiddu l-qafas kunċettwali bażiku, u lanqas ma għandhom jaffettwaw il-piż tar-rappurtar DQM.

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

### Artikolu 1

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Bażi tad-Data Ċentralizzata tat-Titoli" jew "CSDB" tfisser il-Bażi tad-Data Ċentralizzata tat-Titoli (Centralised Securities Database) stabbilita mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ);
- (2) "*data* tal-input" tfisser kwalunkwe *data* pprovduta lis-CSDB minn wieħed jew aktar mis-sorsi tad-*data* li ġejjin: a) kemm banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi") kif ukoll banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi mhux ta-żona tal-euro"); b) sorsi interni tal-Bank Ċentrali Ewropew; c) fornituri tad-*data* kummerċjali; d) sorsi amministrattivi; e) id-dominju pubbliku;
- (3) "perjodu ta' forniment ta' input" tfisser perjodu ta' jiem ta' xogħol kull xahar kalendarju, li huwa definit mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u li matulu BĊNi jistgħu jipprovdur *data* tal-input lis-CSDB;
- (4) "*data* tal-output" tfisser *data* partita b'partita li tinkiseb awtomatikament mis-CSDB billi tiġi magħquda *data* tal-input f'rekords ta' *data* wieħed komplet u ta' kwalità għolja;
- (5) "output feed *data*" tfisser is-subsett ta' *data* tal-output u l-karatteristiċi elenkati fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida li jappoġġjaw il-produzzjoni ta' statistika jew għal użi oħrajn;
- (6) "Statistika aggregata tas-CSEC" tfisser statistika aggregata dwar il-ħruġ ta' titoli li tkopri l-istokks u l-aggregati tal-fluss ta' ħruġ ta' titoli prodotti minn *data* tal-output tas-CSDB partita b'partita kif speċifikat fl-Anness IV ta' din il-Linja Gwida;
- (7) "Ġestjoni tal-Kwalità tad-Data" jew "DQM" tfisser li tiġi żgurata, ivverifikata u miżmuma l-kwalità ta' output feed *data* u statistika aggregata tas-CSEC permezz tal-użu u l-applikazzjoni ta' miri tad-DQM, metriċi tad-DQM, limiti tad-DQM u l-flussi ta' xogħol tad-DQM;
- (8) "Ġestjoni tas-Sors tad-*data*" jew "DSM" tfisser l-attività tal-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ma' fornitur tad-*data* ta' żbalji ripetittivi u/jew strutturali fid-*data* tal-input;
- (9) "DQM inizjali" tfisser DQM ta' *data* ta' output feed *data* partita b'partita u statistika aggregata tas-CSEC, li tkopri l-previżjoni ta' tmiem ix-xahar għax-xahar ta' referenza l-aktar reċenti u mwettqa fuq bażi ta' kull xahar;
- (10) "DQM regolari" tfisser DQM ta' output feed *data* partita b'partita u statistika aggregata tas-CSEC, li tkopri x-xhur ta' referenza qabel ix-xahar kopert mid-DQM inizjali u mwettqa kull xahar, filwaqt li titqies id-*data* tal-parametru referenzjarju mhux tas-CSDB ipprovduta minn diversi sorsi tad-*data* bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kwalità tad-*data* tal-output tas-CSDB tissodisfa r-rekwiżiti għad-feed *data* tas-CSDB;
- (11) "mira tad-DQM" tfisser parametru referenzjarju għall-valutazzjoni tal-kwalità ta' output feed *data*, kif speċifikat fl-Anness I;
- (12) "metrika tad-DQM" tfisser indikatur statistiku li jkejjel il-livell li fih tkun waslet ċertu mira tad-DQM, kif speċifikat fl-Anness II ta' din il-Linja Gwida;
- (13) "limitu tad-DQM" tfisser il-livell minimu ta' xogħol ta' verifika li jrid isir sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-qafas tad-DQM għal mira tad-DQM;
- (14) "Eċċezzjoni tad-DQM" tfisser kwistjoni possibbli tal-kwalità tad-*data* li tiġi identifikata permezz ta' regola speċifikata u li għaliha d-*data* trid tiġi kkonfermata jew ikkoreġuta sabiex jintlaħaq il-livell rispettiv tad-DQM;
- (15) "workflow tad-DQM" tfisser proċess tekniku applikat għall-korrezzjoni tad-*data* tal-input sabiex tikkonforma ma' mira tad-DQM;
- (16) "tbassir tal-aħħar tax-xahar" tfisser aġġornament regolari ta' kull xahar tad-*data* tal-output u ta' metriċi tad-DQM li jipproduċi approssimazzjoni tad-*data* tal-output għall-pożizzjoni tal-aħħar tax-xahar li jmiss;
- (17) "statistika aggregata inizjali tas-CSEC" tfisser statistika aggregata tas-CSEC li tkopri l-aktar xahar ta' referenza reċenti;
- (18) "statistika aggregata regolari tas-CSEC" tfisser statistika aggregata tas-CSEC li tkopri x-xhur ta' referenza qabel ix-xahar kopert mill-istatistika aggregata inizjali tas-CSEC;

- (19) "Serje ta' prijorità CSEC" tfisser l-istatistika aggregata tas-CSEC fl-aktar livell baxx li hija soġġetta għar-reqwiziti tad-DQM, kif speċifikat fl-Anness II u l-Anness IV ta' din il-Linja Gwida;
- (20) "xahar ta' referenza" tfisser ix-xahar kalendarju li għalih tirreferi d-data jew l-istatistika rilevanti;
- (21) "jum tax-xogħol" huwa jum sħiħ li mhuwiex btala pubblika tal-BĊE, kif ippubblikat fuq il-websajt tal-BĊE;
- (22) "verifika" tfisser il-proċess ta' verifika tad-data tal-input tal-output tas-CSDB kif ukoll l-istatistika aggregata tas-CSEC u, jekk ikun meħtieġ, il-korrezzjoni tad-data tal-input tas-CSDB, b'hekk jiġi applikat il-fluss tax-xogħol tad-DQM;
- (23) "resident" għandu t-tifsira definita fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);
- (24) "Kodiċi ISIN" tfisser in-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli, kif definit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandards (ISO) fl-ISO 6166;
- (25) "identifikatur ta' entità li tgħaqqad" tfisser identifikatur ta' entità li huwa inkluż kemm fis-CSDB kif ukoll fis-sett ta' data tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD) tas-SEBĊ u li huwa jew kodiċi RIAD, identifikatur ta' entità nazzjonali ieħor użat mill-BĊN jew BĊN mhux taż-żona tal-euro rilevanti, Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) definit minn ISO 17442, jew identifikatur ieħor ta' entità aċċettat b'mod komuni mill-BĊE u l-BĊN jew il-BĊN mhux taż-żona tal-euro rilevanti.

#### Artikolu 2

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din il-Linja Gwida tistabbilixxi qafas għall-produzzjoni ta' data tat-titoli u statistika dwar il-ħruġ tat-titoli fis-CSDB. L-għan ta' dan il-qafas huwa li jiżgura l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-konsistenza tad-data tal-output tas-CSDB u l-istatistika aggregata tas-CSEC billi jiġu applikati b'mod konsistenti r-regoli dwar il-forniment ta' data tal-input u d-DQM u d-DSM għal tali data.

#### Artikolu 3

### Ir-rwol tal-BĊE u l-BĊNi

1. Il-BĊE, bl-assistenza tal-BĊNi, għandu jiddefinixxi l-proċessi operattivi tas-CSDB; jiġbor l-istatistika aggregata tas-CSEC; u jipproduċi data tal-ħruġ, inkluż l-output feed data.
2. Skont din il-Linja Gwida, il-BĊNi għandhom:
  - (a) jipprovdu data tal-input dwar titoli maħruġa minn residenti fl-Istati Membri tagħhom lis-CSDB meta jkollhom tali data faċilment disponibbli;
  - (b) imexxu d-DQM tad-data relatata mal-emittenti residenti fl-Istati Membri tagħhom;
  - (c) jivverifikaw l-istatistika aggregata tas-CSEC relatata mal-emittenti residenti fl-Istati Membri tagħhom.
3. Il-BĊE għandu:
  - (a) imexxi d-DQM ta' data relatata ma' emittenti residenti barra ż-żona tal-euro, sakemm BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro ma jkunx aċċetta r-responsabbiltà biex imexxi DQM għal data relatata ma' emittenti residenti fl-Istat Membru tiegħu.
  - (b) jivverifika l-istatistika aggregata tas-CSEC relatata mal-emittenti residenti barra ż-żona tal-euro, sakemm BĊN mhux taż-żona tal-euro ma jkunx aċċetta r-responsabbiltà għall-verifika tal-istatistika aggregata tas-CSEC relatata mal-emittenti residenti fl-Istat Membru tiegħu.

(\*) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).



## Artikolu 4

**Forniment ta' data tal-input mill-BĊNi**

1. Meta l-BĊNi ikollhom disponibbli *data* partita b'partita dwar titoli maħruġa minn residenti fl-Istati Membri tagħhom, huma għandhom jipprovdu din id-*data* lis-CSDB fuq bażi regolari.
2. Fejn il-BĊNi għandhom disponibbli faċilment *data* partita b'partita dwar titoli maħruġa minn residenti ta' pajjiżi oħra, huma jistgħu jipprovdu din id-*data* lis-CSDB fuq bażi regolari bi ftehim ma':
  - (a) li-BĊN responsabbli għad-DQM tad-*data* relatata mal-emittent rilevanti skont l-Artikolu 3 ta' din il-Linja Gwida; u
  - (b) Il-BĊE għad-*data* relatata ma' emittenti residenti barra ż-żona tal-euro, sakemm BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro ma jkunx aċċetta r-responsabbiltà biex imexxi DQM għal *data* relatata ma' emittenti residenti fl-Istat Membru tiegħu.
3. Meta jipprovdu fajls ta' *data* tal-input lis-CSDB, il-BĊNi għandhom jipprovdu, bħala minimu, informazzjoni għall-attributi koperti mit-Tabella 1 tal-Anness I ta' din il-Linja Gwida.
4. Id-*data* tal-input dwar it-titoli trażmessa lis-CSDB għandha tidentifika titoli individwali bil-kodiċijiet ISIN tagħhom.
5. Jekk BĊN ikun tejjeb id-*data* tal-input tiegħu, huwa għandu jipprovdi fajls tad-*data* tal-input riveduti lis-CSDB jew juża s-sistema CSDB biex jikkoreġi kwalunkwe żball u omissjoni fid-*data* tal-input tiegħu li ma tkunx ġiet ikkoreġuta matul il-verifika tad-*data* kif speċifikat fl-Artikolu 5.
6. Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw kull sena d-dati tal-input tal-forniment li se jkunu qed jużaw biex jipprovdu fajls ta' *data* tal-input lis-CSDB skont il-perjodi tal-forniment tal-input definiti mill-BĊE.
7. Skont l-Artikolu 26 tal-Linja Gwida BĊE/2018/16 tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(<sup>1</sup>)</sup>, il-BĊNi għandhom jiżguraw li l-emittenti residenti tat-titoli jiġu rreġistrati fis-sett ta' *data* RIAD tas-SEBĊ. Il-BĊNi li jipprovdu fajls ta' *data* tal-input lis-CSDB għandhom jinkludu mill-inqas identifikatur ta' entità ta' kollegament wieħed li huwa inkluż fir-RIAD fil-fajls tad-*data* tal-input tagħhom.

## Artikolu 5

**Ġestjoni tal-kwalità tad-*data***

1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom iwettqu DQM inizjali u DQM regolari. Meta jaġhmlu dan huma għandhom jivverifikaw *data* tal-output partita b'partita u statistika aggregata tas-CSEC, irrISPettivament mis-sors ta' tali *data* jew statistika.
2. Id-DQM għandu jiġi applikat għall-miri tad-DQM 1, 2, 3a u 3b u għall-metriċi tad-DQM korrispondenti, kif speċifikat fl-Anness II ta' din il-Linja Gwida. Din il-metrika għandha tkun ibbażata fuq *data* ta' tmiem ix-xahar li tiġi aġġornata mill-BĊE fuq bażi ta' kuljum soġġett għar-reqwiziti applikabbli fil-livell ta' servizz tas-SEBĊ.
3. Għall-attributi koperti minn Anness II, il-BĊE u l-BĊNi għandhom japplikaw il-limiti tad-DQM flivell li jiżgura l-kwalità tal-output feed data biex jiġu appoġġati l-użi għal dawn l-attributi rispettivi kif stabbilit fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida
4. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw output feed data sal-punt li, skont il-metriċi tad-DQM, l-eċċezzjonijiet kollha tad-DQM għall-miri 1, 3a u 3b tad-DQM ikunu ġew ivverifikati biex jintlaħqu l-limiti tad-DQM.
5. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw l-istatistika aggregata inizjali u regolari tas-CSEC sal-punt li l-eċċezzjonijiet kollha tad-DQM għall-mira 2 tad-DQM ikunu ġew ivverifikati biex jintlaħqu l-limiti tad-DQM.
6. Il-BĊNi għandhom jikkoreġu *data* tal-input skont il-workflow tad-DQM miftiehem permezz tas-sistema tas-CSDB jew billi jipprovdu fajls tad-*data* tal-input lill-BĊE, skont kif xieraq.

<sup>(1)</sup> Linja Gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 dwar id-Database tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (BĊE/2018/16) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 3).

### Artikolu 6

#### DQM inizjali

1. Id-DQM inizjali għandu jiġi applikat għad-*data* minn qabel tal-aħħar tax-xahar għax-xahar ta' referenza taċ-ċiklu tal-produzzjoni attwali.
2. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw l-eċċezzjonijiet tad-DQM biex jiżguraw li, wara li jkun ġie applikat id-DQM inizjali, l-output feed data u l-istatistika aggregata inizjali tas-CSEC jirriflettu l-aktar żviluppi reċenti.
3. Meta jwettqu DQM inizjali, il-BĊE u l-BĊNi għandhom jiddependu biss fuq informazzjoni li tkun faċilment disponibbli għalihom.

### Artikolu 7

#### DQM regolari

1. Id-DQM regolari għandu jiġi applikat għad-*data* għax-xhur ta' referenza qabel ix-xahar kopert mid-DQM inizjali.
2. Meta jwettqu DQM regolari, il-BĊE u l-BĊNi għandhom iqisu l-informazzjoni kollha attwalment disponibbli.

### Artikolu 8

#### Skeda ta' żmien għad-DQM inizjali u regolari

1. Skont l-iskeda ta' żmien tal-produzzjoni stabbilita fit-Tabella 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida, il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw:
  - (a) l-output feed data ta' tmiem ix-xahar minn qabel li tkun soġġetta għad-DQM inizjali;
  - (b) l-output feed data li hija soġġetta għal DQM regolari;
  - (c) l-istatistika aggregata inizjali tas-CSEC;
  - (d) l-istatistika aggregata regolari tas-CSEC.
2. Jekk il-BĊE u l-BĊNi jidentifikaw kwistjonijiet ta' kwalità tad-*data* matul il-proċess ta' verifika, huma għandhom jikkoreġu dawn il-kwistjonijiet skont l-istess skeda ta' żmien.

### Artikolu 9

#### Ġestjoni tas-sors tad-*data*

1. Meta l-BĊNi jidentifikaw kwistjonijiet ta' DSM relatati ma' sorsi ta' *data* kummerċjali, huma għandhom jirrapportawhom lill-BĊE filwaqt li jindikaw ir-rilevanza tal-ħruġ b'referenza kemm għad-daqs tagħhom, f'termini ta' ammonti pendenti jew kapitalizzazzjoni tas-suq tat-titoli affettwati, kif ukoll għall-output feed data speċifika li tkun affettwata.
2. Il-BĊE għandu jirrapporta kwistjonijiet DSM ta' rilevanza għolja relatati ma' sorsi ta' *data* kummerċjali lill-fornituri tad-*data* rispettivi fi żmien xahar mid-*data* li fiha tiġi rrapportata kwistjoni ta' DSM lill-BĊE. Sa fejn ikun possibbli, il-BĊE għandu juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jindirizza kwistjonijiet DSM ta' rilevanza għolja f'kooperazzjoni mal-fornituri tad-*data* rilevanti.
3. Il-BĊE għandu jirrapporta kwistjonijiet ta' DSM relatati mad-*data* tal-input ipprovduta mill-BĊNi li jindikaw ir-rilevanza tal-ħruġ rispettiv tad-DSM b'referenza kemm għad-daqs tagħhom, f'termini ta' ammonti pendenti jew kapitalizzazzjoni tas-suq tat-titoli affettwati, kif ukoll għall-output feed data speċifika li hija affettwata. Bil-mezzi tagħhom, il-BĊNi għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jindirizzaw kwistjonijiet tad-DSM ta' rilevanza għolja fid-*data* tal-input tagħhom f'kooperazzjoni mal-BĊE.

## Artikolu 10

**Kompilazzjoni ta' statistika aggregata tas-CSEC**

1. Il-BĊE għandu jimplementa arranġamenti bil-ħsieb li jiżgura li l-proċess ta' kompilazzjoni konġunta għall-istatistika aggregata tas-CSEC isegwi r-regoli u l-metodoloġija ta' kompilazzjoni speċifikati fl-Anness IV ta' din il-Linja Gwida.
2. Il-BĊE għandu jikkompila l-istatistika aggregata tas-CSEC ta' kull xahar fis-CSDB fuq bażi ta' kuljum, kif speċifikat fl-Anness IV ta' din il-Linja Gwida, soġġett għar-reqwiziti applikabbli tal-livell ta' servizz tas-SEBĊ. L-istatistika aggregata tas-CSEC għandha tiġi kkompilata mix-xahar ta' referenza Diċembru 2020 'il quddiem.

## Artikolu 11

**Forniment ta' data tal-output**

1. Il-BĊE għandu jagħmel disponibbli għall-BĊNi:
  - (a) stampa ta' output feed data ta' kull xahar kif speċifikat fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida, fuq bażi ta' kull xahar;
  - (b) stampa tad-*data* partita b'partita sottostanti għall-istatistika aggregata tas-CSEC, u l-istatistika aggregata tas-CSEC għax-xahar ta' referenza preċedenti, fuq bażi ta' kull xahar;
  - (c) għall-jum ta' referenza ta' qabel u fuq bażi tal-aħjar sforz, stampa tal-output feed data ta' kuljum kif speċifikat fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida fuq bażi ta' kuljum, li tkopri l-aktar titoli rilevanti kif miftiehem mill-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ.
2. Il-BĊE għandu wkoll iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-BĊNi kwalunkwe reviżjoni lil:
  - (a) stampa tal-output feed data kif speċifikat fl-Anness III ta' din il-Linja Gwida;
  - (b) stampa tad-*data* partita b'partita sottostanti għall-istatistika aggregata tas-CSEC u l-istatistika aggregata tas-CSEC għal mill-inqas 12 xhur ta' referenza;
  - (c) stampa tad-*data* partita b'partita sottostanti għall-istatistika aggregata tas-CSEC, u l-istatistika aggregata tas-CSEC għal mill-inqas 36 xahar ta' referenza, iżda eskluż kwalunkwe perjodu qabel Diċembru 2020, fuq bażi annwali.
3. Id-*data* msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tintuża esklussivament għal finijiet ta' statistika, inklużi l-produzzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika. Għall-użu mhux statistiku tad-*data*, għandhom jiġu segwiti r-regoli u l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali approvata mill-Kunsill Governattiv.
4. Id-*data* msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandha ssir disponibbli jew permezz ta' trażmissjoni jew permezz ta' mezzi oħra komunement aċċettati mill-BĊE u l-BĊNi.

## Artikolu 12

**Pubblikazzjoni**

1. Il-BĊNi ma għandhomx jipubblikaw aggregati nazzjonali jew aggregati taż-żona tal-euro tal-istatistika tal-ħruġ tat-titoli kkompilati bl-użu tad-*data* tas-CSDB qabel il-pubblikazzjoni rispettiva tal-istatistika aggregata tas-CSEC mill-BĊE. Dan m'għandux jipprevjeni lill-BĊNi milli jipubblikaw aggregati nazzjonali ta' statistika tal-ħruġ ta' titoli, li l-kompilazzjoni tagħhom ma tiddependix fuq *data* tas-CSDB, skont l-iskedi ta' żmien tal-pubblikazzjoni nazzjonali.
2. Meta jipubblikaw l-aggregati taż-żona tal-euro tal-istatistika tal-ħruġ tat-titoli, il-BĊNi għandhom jirriproduċu b'mod preċiż l-aggregati ppubblikati mill-BĊE.

*Artikolu 13***Rekwiżiti ta' verifika tad-data b'lura fil-każ tal-adozzjoni tal-euro**

Meta Stat Membru li l-munita tiegħu mhijx l-euro jadotta l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja Gwida, il-bank ċentrali nazzjonali ta' dak l-Istat Membru għandu juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jivverifika l-istatistika aggregata tas-CSEC għal dak l-Istat Membru mill-inqas mix-xahar ta' referenza Diċembru 2020 'il quddiem jew għal tliet snin qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro, skont liema data tiġi l-aħħar.

*Artikolu 14***Proċedura ta' emenda simplifikata**

Fid-dawl tal-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat li jaġmel kwalunkwe emenda teknika meħtieġa lill-Annessi għal din il-Linja Gwida, sakemm dawn l-emendi la jbiddu l-qafas kunċettwali sottostanti tal-Linja Gwida, inkluża d-diviżjoni ta' responsabbiltajiet bejn il-BĊE u l-BĊNi, u lanqas ma jaffettwaw materjalment il-piż tar-rappurtar fuq il-BĊNi. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv bi kwalunkwe emenda għall-Annessi ta' din il-Linja Gwida mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 15***Revoka**

1. Il-Linja Gwida BĊE/2012/21 u l-Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2021/15) huma b'dan imħassra.
2. Ir-referenzi għal-Linja ta' Gwida mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din il-Linja ta' Gwida u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

*Artikolu 16***Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-BĊE għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Ġunju 2022.

*Artikolu 17***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 19 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*  
*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE

## ANNEX I

**ATTRIBUTI TAD-DATA GĦAD-DATA TAL-INPUT GĦALL-BAŻI TAD-DATA ĊENTRALIZZATA TAT-TITOLI (CSDB)**

Meta l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-“BĊNi”) jipprovdu *data* tal-input lis-CSDB permezz ta' fajls tal-input tad-dejn, tal-ekwiżità jew tal-prezzijiet, dawn għandhom jipprovdu, bħala minimu, informazzjoni tal-input għall-attributi li ġejjin:

Tabella 1

Isem tal-attribut tad- <i>data</i> tal-input	Deskrizzjoni	Fajls ta' input		
		Dejn	Ekwiżità	Prezz
International Security Identification Number (ISIN) code (Kodiċi tan-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) )	Identifikatur ISIN ta' titolu.	√	√	√
Hija marka attiva	Marka teknika meħtieġa għall-ipproċessar ta' rekords tal-input	√	√	√
Klassifikazzjoni tal-istrument tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010) (1)	Klassifikazzjoni tat-titolu skont l-ESA 2010	√	√	
Klassifikazzjoni tal-attiv primarju 2	Klassifikazzjoni primarja tal-istrument, eż. indikazzjoni dwar jekk l-istrument huwiex strument ta' dejn, ekwiżità jew fond b'xi dettalji ulterjuri	√	√	
Munita nominali	Munita nominali tal-istrument (ISO 4217)	√	√	
Konvenzjoni dwar il-kwotazzjoni tal-prezz tal-ħruġ	Bażi ta' kwotazzjoni tal-istrument, eż. perċentwal nominali jew munita għal kull sehem/unità	√		
Status tat-titolu	L-istatus tal-istrument, li jindika jekk huwiex ħaj jew le b'xi dettalji oħra	√	√	
Data tal-istatus tat-titolu	Data li tikkorrispondi għal avveniment meta l-istatus tal-garanzija nbidel	√	√	
- Rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi: Titoli ta' dejn li għalihom il-kupun jew il-pagamenti prinċipali huma marbuta ma' kwalunkwe assi finanzjarju ieħor, komodità, jew indiċi differenti mill-indiċijiet tal-prezzijiet jew il-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax. Dan jinkludi titoli ta' dejn marbuta ma' basktijiet ta' titoli, muniti, avvenimenti ta' negozju bħal inadempjenzi tal-emittent, u tipi oħra ta' assi jew avvenimenti.

Titoli ta' dejn li fihom kupun varjabbli kkombinat ma' kupun fiss huma kklassifikati taħt il-kategorija tar-rata tal-imgħax varjabbli rilevanti.

1.5 *Maturità*: L-istatistika aggregata tas-CSEC tkopri l-ħruġ ta' titoli ta' dejn tal-maturitajiet kollha. Il-kategorizzazzjoni tal-maturità għall-ħruġ ta' titoli ta' dejn tikklassifika t-titoli ta' dejn skont il-maturità oriġinali u sa ċertu punt skont il-maturità residwa.

1.6 *Valuta ta' denominazzjoni*: L-istatistika aggregata tas-CSEC tkopri l-ħruġ minn residenti taż-żona tal-euro mqassma f'euro u "muniti oħra", ħruġ minn residenti ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro mqassma f'euro, "munita nazzjonali minbarra l-euro" u "muniti oħra", u ħruġ minn residenti tar-RoW f'euro. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor it-tqassim tal-muniti.

Valuta ta' denominazzjoni	Ħruġ minn residenti taż-żona tal-euro	Ħruġ minn residenti ta' Stat Membru li mhumiex fiż-żona tal-euro	Ħruġ minn residenti ta' RoW
F'euro	✓	✓	✓
F'munita nazzjonali li mhijiex l-euro	mhux disp.	✓	
F'muniti oħra	✓	✓	

<sup>(?)</sup> Il-kategoriji F.3 u F.511 tal-ESA 2010.

## 2. Kunċetti ta' stokk u fluss

L-istatistika aggregata tas-CSEC tipprovdi informazzjoni dwar l-istokks (jiġifieri l-ammonti pendenti) u l-flussi (jiġifieri ħruġ gross, tifdijiet, rivalutazzjonijiet, u bidliet oħra fil-volum inklużi r-riklassifikazzjonijiet). L-ekwazzjoni ta' hawn taħt turi r-rabta bejn l-istokks u l-flussi:

$$\text{Stokks (t)} = \text{Stokks (t-1)} + \text{Ħruġ gross (t)} - \text{Fidi (t)} + \text{Rivalutazzjonijiet (t)} + \text{Tibdil ieħor fil-volum (t)}$$

- 2.1 *Stokks* L-istatistika aggregata tas-CSEC dwar l-istokks tkopri pożizzjonijiet ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati li huma pendenti fi tmiem il-perjodu ta' referenza.
- 2.2 *Ħruġ gross*: L-istatistika aggregata tas-CSEC dwar il-ħruġ gross tkopri ħruġ ġdid ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati matul il-perjodu ta' referenza. Il-ħruġ jirreferi għas-sitwazzjoni fejn emittent ibiġh titoli ta' dejn maħluqa ġodda jew ishma kkwotati lid-detenturi. Titolu jitqies li jkun inħareġ meta l-emittent jittrasferixxi lil detentur, normalment bi skambju ma' munita jew depożiti trasferibbli, jew meta jkun inħareġ effettivament iżda jinżamm mill-emittent oriġinali (\*). Barra minn hekk, għal aggregati fuq titoli ta' dejn bil-valur nominali u tas-suq, il-ħruġ gross jinkludi wkoll imgħax akkumulat. Il-ħruġ gross għandu jiġi rrapportat f'każ ta' kkwotar uniku ta' korporazzjoni fuq borża fejn ma jiġi ġġenerat ebda kapital ġdid (°). Il-ħruġ ta' titoli li aktar tard jistgħu jiġu kkonvertiti fi strumenti oħra għandu jiġi rreġistrat bħala ħruġ fil-kategorija oriġinali tagħhom tal-istrument; mal-konverżjoni tagħhom huma għandhom jiġu rreġistrati bħala li ġew mifdiya minn din il-kategorija ta' strument, b'ammont identiku mbaġħad jiġu trattati bħala ħruġ gross f'kategorija ġdida.
- 2.3 *Fidi*: L-istatistika aggregata tas-CSEC dwar il-fidi tkopri l-kanċellazzjonijiet ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati matul il-perjodu ta' referenza. Il-fidi jinkludi titoli ta' dejn li jkunu laħqu d-data ta' maturità tagħhom jew li jkunu nfedew kmieni, kif ukoll ishma kkwotati li jkunu ġew ikkanċellati formalment. Barra minn hekk, għal aggregati ta' titoli ta' dejn bil-fidi tal-valur nominali u tas-suq jinkludu wkoll kupun imħallas. Il-fidi ma għandux jiġi rrapportat fil-każ ta' tneħħija unika minn borża (°).
- 2.4 *Rivalutazzjonijiet*: L-istatistika aggregata tas-CSEC dwar ir-rivalutazzjonijiet tkopri r-rivalutazzjonijiet għal titoli ta' dejn u ishma kkwotati akkumulati matul il-perjodu ta' referenza. Ir-rivalutazzjonijiet jistgħu jseħħu bħala riżultat tal-iżviluppi tas-suq tal-prezzijiet u r-rati tal-kambju.
- 2.5 *Bidliet oħra fil-volum*: L-istatistika aggregata tas-CSEC dwar bidliet oħra fil-volum tkopri bidliet oħra fil-volum għal titoli ta' dejn u ishma kkwotati minħabba bidliet fil-kwantità jew fil-karatteristiċi fiżiċi ta' titoli jew bidliet fil-klassifikazzjoni tat-titoli. Il-bidliet fil-klassifikazzjoni jinkludu bidliet fis-settur istituzzjonali tal-emittent, bidliet fiż-żona ta' referenza li fiha l-emittent ikun domiċiljat, bidliet fl-istruttura tal-unitajiet istituzzjonali, u bidliet fil-klassifikazzjoni tal-assi. Bidliet oħra fil-volum huma derivati bħala residwu mill-ekwazzjoni tal-fluss tal-istokk.

Ir-regoli dettaljati tal-kalkolu għall-istokks u l-flussi se jiġu definiti fil-gwida għall-kompilazzjoni miftiehma mill-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ u pubblikata fuq is-sit web tal-BĊE.

## 3. Trattament statistiku ta' kategoriji speċifiċi ta' strumenti

Fil-kompilazzjoni tal-istatistika aggregata tas-CSEC, għandu jiġi applikat it-trattament li ġej ta' kategoriji ta' strumenti speċifiċi:

**Riċevuti depożitorji**: Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-ħruġ ta' riċevuti depożitorji għandu jiġi eskluż mill-istatistika aggregata tas-CSEC.

- (\*) It-titoli jitqiesu bħala effettivament maħruġa (anki jekk ma jkunux inbiegħu lil entità oħra qabel) meta: (i) huma rreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-kontabilità tal-emittent; jew (ii) huma użati jew disponibbli għall-użu mill-emittent għal operazzjonijiet tas-suq.
- (°) Min-naħa l-oħra, l-ESA 2010 (5.150) teoretikament tippermetti r-reġistrazzjoni ta' tali tranżazzjonijiet, billi tgħid: "L-elenkar huwa rreġistrat bħala ħruġ ta' ishma kkwotati, u bħala fidi ta' ishma mhux ikkwotati [...] fejn xieraq."
- (°) Min-naħa l-oħra, l-ESA 2010 (5.150) teoretikament tippermetti r-reġistrazzjoni ta' tali tranżazzjonijiet, billi tgħid: "[...] it-tneħħija mill-lista hija rreġistrata bħala fidi ta' ishma kkwotati, u ħruġ ta' ishma mhux ikkwotati fejn xieraq."

**Ħruġ b'kodiċijiet ISIN multipli:** Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, il-ħruġ, li huwa identifikat minn kodiċijiet ISIN multipli (eż. minħabba li porzjonijiet differenti ta' titolu jinħarġu skont regoli regolatorji differenti jew jiġu ddepożitati ma' depożitarji differenti), iridu jiġu inklużi fl-istatistika aggregata tas-CSEC biss sal-punt li l-ammonti pendenti rispettivi ma jkunux diġà koperti taħt kodiċi ISIN differenti.

**Titoli ta' dejn stripped:** Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-ħruġ ta' titoli ta' dejn stripped jrid jiġi inkluż fl-istatistika aggregata tas-CSEC biss sal-punt li l-ammonti pendenti rispettivi ma jkunux diġà koperti mit-titolu tad-dejn oriġinali rispettiv.

**Holdings f'titoli proprji:** L-istatistika aggregata tas-CSEC għandha tiġi kkompilata fuq bażi grossa u tkopri investimenti proprji ta' titoli, inklużi (i) titoli mibjugħa fis-suq u mixtrija lura mill-emittent u (ii) titoli li effettivament inħarġu iżda li nżammu mill-emittent (?).

#### 4. Valutazzjoni

Għal titoli ta' dejn u ishma kkwotati, l-istatistika aggregata tas-CSEC tinġabar bil-valur tas-suq. Għal titoli ta' dejn biss, l-istatistika aggregata tas-CSEC hija kkompilata wkoll bil-valur nominali u għall-istokks ta' titoli ta' dejn b'valur nominali. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-metodi ta' valutazzjoni użati għall-kompilazzjoni tal-istatistika aggregata tas-CSEC:

Tip ta' strument	Stokks u flussi bil-valur tas-suq	Stokks u flussi bil-valur nominali	Stokks bil-valur nominali
Titoli ta' dejn	✓	✓	✓
Ishma kkwotati	✓	mhux disp.	mhux disp.

#### 5. Ħarsa ġenerali lejn ir-rendikonti

Għall-ħruġ ta' kull Stat Membru individwali taż-żona tal-euro, u taż-żona tal-euro kollha kemm hi, l-istatistika aggregata tas-CSEC titkejjel feuro u tiġi kkompilata skont it-tqassim definit fit-tabelli li ġejjin. Il-kodiċijiet tas-settur użati fit-tabelli għandhom it-tifsiriet definiti fit-Taqsima 1 dwar "Kopertura u klassifikazzjonijiet".

(?) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.



Tabella A1:

Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 1 — Tqassim skont it-tip tal-maturità u r-rata tal-imgħax għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro u ż-żona tal-euro kollha kemm hi

Settur																						
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																						
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M	
Muniti kollha	Il-maturitajiet	It-tipi kollha ta' rati																				
	Fuq medda	It-tipi kollha ta' rati																				
	Terminu ta' żmien twil fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati																				
		Kupun fiss																				
		Kupun żero																				
	Rata tal-imgħax																					
EUR	Il-maturitajiet	It-tipi kollha ta' rati																				
	Fuq medda	It-tipi kollha ta' rati		L*		L*	L*			L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	
	Terminu ta' żmien twil fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati																				
		Kupun fiss		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
		Kupun żero		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Rata tal-imgħax		L		L	L				L		L	L	L	L		L	L	L	L		
Muniti oħrajn	Il-maturitajiet	It-tipi kollha ta' rati																				
	Fuq medda	It-tipi kollha ta' rati		L*		L*	L*			L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	
	Medda twila ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati																				
		Kupun fiss		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*
		Kupun żero		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*
	Rata tal-imgħax		L		L	L				L		L	L	L	L		L	L	L	L		

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L\*" huma aggregati fl-aktar livell baxx użati biex jidentifikaw is-serje ta' prijorità tas-CSEC, li huma soġġetti għall-ġestjoni tal-kwalità tad-data (DQM) għall-istatistika aggregata tas-CSEC f'dan l-Anness. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A2:

Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 2 — Tqassim dettaljat tat-tip tar-rata tal-imgħax għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro u għaż-żona tal-euro kollha kemm hi

Settur																							
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																							
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S131	S13M	S1314	S1M		
Muniti kollha	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																					
		Rata tal-imgħax fissa																					
		Kupun fiss																					
		Kupun żero																					
		Rata tal-imgħax varjabbli:																					
		Rata varjabbli marbuta mal-inflazzjoni																					
		Rata varjabbli marbuta mar-rata tal-imgħax																					
		Rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi																					
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																					
		Rata tal-imgħax fissa																					
		Kupun fiss		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
		Kupun żero		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
		Rata tal-imgħax varjabbli:																					
		Rata varjabbli marbuta mal-inflazzjoni		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
		Rata varjabbli marbuta mar-rata tal-imgħax		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
		Rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
Muniti oħrajn	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																					
		Rata tal-imgħax fissa																					
		Kupun fiss		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
		Kupun żero		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
		Rata tal-imgħax varjabbli:																					
		Rata varjabbli marbuta mal-inflazzjoni		L		L	L				L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
		Rata varjabbli marbuta mar-rata tal-imgħax		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
		Rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi		L*		L*	L*				L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L\*" huma aggregati fl-aktar livell baxx użati biex jidentifikaw is-serje ta' prijorità tas-CSEC, li huma soġġetti għad-DQM għall-istatistika aggregata tas-CSEC f'dan l-Anness. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A3:

Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 3 — Kategorizzazzjonijiet tal-maturità oriġinali dettaljati għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro u għaż-żona tal-euro kollha kemm hi

Settur																						
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																						
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M	
Muniti kollha	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Maturità oriġinali > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Maturità oriġinali > sentejn u ≤ 5 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Maturità oriġinali > 5 snin u ≤ 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Maturità oriġinali > 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sentejn u ≤ 5 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 5 snin u ≤ 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
Muniti oħrajn	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sentejn u ≤ 5 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 5 snin u ≤ 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A4:

Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 4 — Kategorizzazzjonijiet dettaljati tal-maturità residwa għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro u għaż-żona tal-euro kollha kemm hi

Settur																					
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																					
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M
Muniti kollha	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																			
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fuq terminu twil b'maturità residwa ≤ sena (1)	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa > sena (1) u ≥ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa ta' > sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																			
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fuq terminu twil b'maturità residwa ≤ sena (1)	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa ta' > sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
Muniti oħrajn	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																			
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fuq terminu twil b'maturità residwa ≤ sena (1)	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa ta' > sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A5:

Tqassim tal-ishma kkwotati għall-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro u għaż-żona tal-euro kollha kemm hi

Settur	Denominazzjoni tal-munita																		
	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M
Muniti kollha								mhux disp.		mhux disp.					mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.
EUR		L*		L*	L*			mhux disp.		mhux disp.	L*	L*	L*	L*	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.
Muniti oħrajn		L*		L*	L*			mhux disp.		mhux disp.	L*	L*	L*	L*	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.	mhux disp.

Noti: Kull ċellola tat-tabella għandha tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L\*" huma aggregati fl-aktar livell baxx użati biex jidentifikaw is-serje ta' prijorità tas-CSEC, li huma soġġetti għad-DQM għall-istatistika aggregata tas-CSEC f'dan l-Anness. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella (ħliet għal dawk immarkati bħala "mhux disp.", li jindikaw setturi li tipikament ma joħorġux ishma elenkati) huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Għall-ħruġ ta' titoli ta' dejn tal-bqija tad-dinja li mhux fiż-żona tal-euro, l-istatistika aggregata tas-CSEC trid titkejjel f'euro u tiġi kkompilata skont it-tqassim definit fit-tabelli li ġejjin. Il-kodiċijiet tas-settur użati fit-tabelli għandhom it-tifsiriet definiti fit-Taqsima 1 dwar "Kopertura u klassifikazzjonijiet".

Tabella A6:

Ġerarkija tat-titoli ta' dejn 1 — Tqassim skont it-tip ta' maturità u rata tal-imgħax mhux fiż-żona tal-euro għall-bqija tad-dinja

Settur																							
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																							
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M		
EUR	Il-maturitajiet	It-tipi kollha ta' rati																					
	Fuq medda	It-tipi kollha ta' rati		L*		L*	L*			L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*		
	Terminu ta' żmien twil fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati																					
		Kupun fiss			L*		L*	L*			L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
		Kupun żero			L*		L*	L*			L*		L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*	L*
		Rata tal-imgħax			L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-bqija tad-dinja mhux taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L\*" huma aggregati fl-aktar livell baxx użati biex jidentifikaw is-serje ta' priorità tas-CSEC, li huma soġġetti għad-DQM għall-istatistika aggregata tas-CSEC f'dan l-Anness. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A7:

Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 2 — Tqassim dettaljat tat-tip tar-rata tal-imgħax għall-bqija tad-dinja li mhux fiż-żona tal-euro

Settur																						
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																						
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M	
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
		Rata tal-imgħax fissa																				
		Kupun fiss		L		L	L			L			L	L	L	L	L		L	L	L	L
		Kupun żero		L		L	L			L			L	L	L	L	L		L	L	L	L
		Rata tal-imgħax varjabbli:																				
		Rata varjabbli marbuta mal-inflazzjoni		L*		L*	L*			L*			L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*
		Rata varjabbli marbuta mar-rata tal-imgħax		L*		L*	L*			L*			L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*
		Rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi		L*		L*	L*			L*			L*	L*	L*	L*	L*		L*	L*	L*	L*

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fl-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-bqija tad-dinja mhux taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L\*" huma aggregati fl-aktar livell baxx użati biex jidentifikaw is-serje ta' prijorità tas-CSEC, li huma soġġetti għad-DQM għall-istatistika aggregata tas-CSEC f'dan l-Anness. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A8:

**Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 3 — Tqassim iddettaljat tal-maturità oriġinali għall-bqija tad-dinja li mhux fiż-żona tal-euro**

Settur																						
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																						
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M	
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > sentejn u ≤ 5 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 5 snin u ≤ 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali > 10 snin	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fil-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-bqija tad-dinja mhux taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.

Tabella A9:

**Ġerarkija tat-titoli tad-dejn 4 — Tqassim dettaljat tal-maturità residwa għall-bqija tad-dinja li mhux fiż-żona tal-euro**

Settur																						
Denominazzjoni tal-munita, maturità, tip ta' strument																						
Denominazzjoni tal-munita	Maturità	Tip ta' strument	S1	S11	S12	S121	S122	S12M	S12P	S124	S125	S125A	S125W	S126	S127	S12Q	S13	S1311	S13M	S1314	S1M	
EUR	Il-maturitajiet kollha	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax																				
	Fuq medda qasira ta' żmien fil-maturità oriġinali	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali fuq terminu twil b'maturità residwa " = sena (1)	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa > sena (1) u ≤ sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L
	Maturità oriġinali fit-tul b'maturità residwa ta' > sentejn	It-tipi kollha ta' rati tal-imgħax		L		L	L			L		L	L	L	L	L		L	L	L	L	L

Noti: Kull ċellola tat-tabella trid tiġi kkompilata għal stokks, ħruġ gross, fidi, rivalutazzjonijiet u bidliet oħra fil-volum bil-valur tas-suq u dak nominali kif ukoll għall-istokks bil-valur nominali. Iċ-ċelloli mmarkati bħala "L" huma aggregati fil-aktar livell baxx li ma jistgħux jinqasmu aktar fil-livell tal-bqija tad-dinja mhux taż-żona tal-euro. Iċ-ċelloli l-oħra kollha fit-tabella huma aggregati ta' livell ogħla li jinħolqu billi jiġu aggregati l-aggregati tal-livell l-aktar baxx.



## 6. Proċess ta' kompilazzjoni għall-istatistika aggregata tas-CSEC

L-istatistika aggregata tas-CSEC tinġabar ċentralment u awtomatikament abbażi tad-data partita b'partita inkluża fis-CSDB. Il-proċess ta' kompilazzjoni jipproduċi l-aggregati tal-livell l-aktar baxx indikati fit-Tabelli A1 sa A9 (ċelloli identifikati bl-ittra "L" jew "L\*"). L-aggregati l-oħra kollha definiti fit-Tabelli A1 sa A9 huma prodotti billi jiġu aggregati aktar dawn l-aggregati fl-aktar livell baxx.

## 7. Verifika u DQM tal-istatistika aggregata tas-CSEC

Il-BĊE ser juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jiġbor u jagħmel disponibbli l-istatistika aggregata tas-CSEC fuq bażi ta' kuljum biex jippermetti l-verifika regolari tal-aggregati.

### *Verifika ta' aggregati inizjali u regolari*

Skont l-iskeda fit-Tabella 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida, il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw l-istatistika aggregata inizjali u regolari tas-CSEC sal-aħħar tas-seba' jum tax-xogħol tax-xahar kalendarju wara x-xahar ta' referenza taċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali sabiex jiżguraw li s-settijiet kollha tas-serje ta' prijorità tas-CSEC ikunu ġew i-verifikati..

Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jivverifikaw l-istatistika aggregata inizjali tas-CSEC ibbażata fuq informazzjoni li hija faċilment disponibbli għalihom u għandhom jeżaminaw l-aggregati rispettivi għall-plawżibbiltà tagħhom. L-istatistika aggregata inizjali tas-CSEC trid tiġi mmarkata bħala "valuri proviżorji" fid-*data* disseminata.

Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jivverifikaw bir-reqqa l-istatistika aggregata regolari tas-CSEC ibbażata fuq l-informazzjoni kollha attwalment disponibbli inkluża *data* oħra ta' referenza disponibbli barra s-CSDB. L-istatistika aggregata regolari tas-CSEC trid tiġi mmarkata bħala "valuri normali" fid-*data* disseminata.

### *Prijoritizzazzjoni tax-xogħol ta' verifika*

Sabiex jiġi żgurat fluss tax-xogħol ta' verifika effiċjenti u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol ta' verifika, il-verifika tal-istatistika aggregata tas-CSEC trid tiffoka fuq is- "serje ta' prijorità tas-CSEC", jiġifieri l-aktar statistika aggregata rilevanti tas-CSEC fil-livell l-aktar baxx. Il-verifika tas-serje ta' prijorità se tiżgura li l-aggregati kollha ta' livell ogħla li huma bbażati fuq dawn is-serje, u sa ċertu punt sinifikanti wkoll kwalunkwe aggregat relatat li jikkoinċidi, jiġu vverifikati wkoll.

Is-serje ta' prijoritajiet tas-CSEC jirrappreżentaw l-aktar statistika aggregata rilevanti tas-CSEC għal pajjiż kif imkejla bl-ammonti pendenti tagħhom espressi bħala sehem tal-ammonti pendenti għall-aggregati tal-ekonomija totali tas-CSEC għat-titoli tad-dejn u kif imkejla mill-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom espressa bħala sehem mill-kapitalizzazzjoni tas-suq għall-aggregati tal-ekonomija totali tas-CSEC għall-ishma kkwotati. Is-serje ta' prijorità hija definita bħala dik l-istatistika aggregata tas-CSEC fl-aktar livell baxx għall-istokks bil-valur tas-suq li huma meħtieġa biex jintlaħaq il-limitu tad-DQM fil-Mira 2 għal dak il-pajjiż.

Għal titoli ta' dejn, l-istatistika aggregata tas-CSEC tkopri erba' ġerarkiji li jikkoinċidu kif definiti fit-Tabelli A1 sa A4 u A6 sa A9. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol, l-identifikazzjoni tas-serje ta' prijorità tas-CSEC għat-titoli tad-dejn hija bbażata fuq l-aggregati tal-livell l-aktar baxx "fuq medda qasir ta' żmien b'maturità oriġinali" u fuq l-aggregati "fit-tul mal-maturità oriġinali" għal "kupun fiss" u "kupun żero" kif definiti fit-Tabelli A1 u A6, kif ukoll fuq l-aggregati "rata varjabbli marbuta mal-inflazzjoni" tal-livell baxx, "rata varjabbli marbuta mar-rata tal-imgħax" u "rata varjabbli marbuta mal-prezz tal-assi" kif definiti fit-Tabelli A2 u A7. Dan jiżgura verifika dettaljata tal-kategorizzazzjonijiet skont it-tip ta' strument kif ukoll verifika ta' livell għoli tal-kategorizzazzjonijiet skont il-maturità (jiġifieri medda qasira ta' żmien vs medda twila fil-maturità oriġinali).

Għall-ishma elenkati, l-identifikazzjoni tas-serje ta' prijorità tas-CSEC hija bbażata fuq l-aggregati tal-livell l-aktar baxx definiti fit-Tabella A5.

L-istatistika aggregata tas-CSEC trid tiġi vverifikata fil-livell ta' "settijiet ta' serje", li jikkonsistu fl-aggregati relatati għat-tliet metodi ta' valutazzjoni (jiġifieri s-suq, il-valur nominali u l-valur nominali) u l-ħames tipi ta' serje (jiġifieri l-istokks, il-ħruġ gross, it-tifdijiet, ir-rivalutazzjonijiet, u bidliet oħra fil-volum), li jaqsmu l-analiżijiet li jifdal. Dan ifisser li l-verifika tas-serje ta' prijorità tas-CSEC trid dejjem tkopri s-sett sħiħ ta' serje relatati mas-serje ta' prijorità tas-CSEC rispettiva ("settijiet ta' serje ta' prijorità tas-CSEC") għall-istokks bil-valur tas-suq.

Jekk is-settijiet ta' serje ta' prijorita tas-CSEC juru bidla sinifikanti fl-ammonti pendenti totali jew il-kapitalizzazzjoni tas-suq wara li jkunu ġew ivverifikati iżda qabel l-iskadenza għall-verifika kif definit mill-iskeda ta' żmien fit-Tabella 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida, is-CSDB trid tenfasizza s-settijiet rispettivi tas-serje u s-settijiet rispettivi tas-serje jridu jerġgħu jiġu vverifikati.

*DQM tal-istatistika aggregata tas-CSEC*

Fil-verifika u l-konferma tas-serje ta' prijorità tas-CSEC, il-BĊE u l-BĊNi għandhom jeżaminaw is-serje ta' żmien tas-settijiet ta' serje relatati mal-kwistjonijiet possibbli tal-kwalità tad-*data* li ġejjin:

- Anomaliji, jiġifieri valuri li jvarjaw b'mod sinifikanti mill-valuri l-oħra tas-serje ta' żmien rispettivi;
- Inkonsistenzi bejn il-fondi u l-flussi, jiġifieri perjodi ta' referenza li matulhom l-istokks kurrenti ma jkunux ugwali għas-somma tal-istokkijiet preċedenti flimkien mal-ħruġ gross bit-tnaqqis tat-tifdijiet flimkien mar-rivalutazzjonijiet, li jstgħu jkunu jew minħabba bidliet oħra fil-volum jew fi kwistjonijiet ta' kwalità tad-*data*.

Jekk il-BĊE u l-BĊNi jidentifikaw kwistjonijiet rilevanti tal-kwalità tad-*data* statistika matul il-verifika tal-istatistika aggregata inizjali u regolari tas-CSEC, huma għandhom jikkoreġu dawn il-kwistjonijiet fid-*data* sottostanti tas-CSDB partita b'partita fi żmien debitu iżda mhux aktar tard mill-iskadenza speċifikata fl-iskeda fit-Tabella 2 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida. Il-korrezzjonijiet tad-*data* sottostanti partita b'partita se jiġu riflessi fl-istatistika aggregata tas-CSEC li tinġabar fl-ipproċessar mil-lum għall-għada għall-għada.

## ANNEX V

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2012/21	Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2021/15)	Din il-Linja Gwida
Artikolu 1	-	Artikolu 1
Artikolu 2	-	Artikolu 2
-	-	Artikolu 3(1)
Artikolu 3(1)	-	Artikolu 3(2)
Artikolu 3(2)	-	Artikolu 3(3)
-	-	Artikolu 4(1), (2), (3) u (4)
Artikolu 8	-	Artikolu 4(5)
-	-	Artikolu 4(6) u (7)
Artikolu 4(1)	-	Artikolu 5(1)
Artikolu 4(2), Article 5(1) and (2), and Article 6(1)	-	Artikolu 5(2)
Artikolu 4(3)	-	Artikolu 5(3)
Artikolu 5(4)	-	Artikolu 5(4)
-	-	Artikolu 5(5)
Artikolu(6) u l-Artikolu 6(3)	-	Artikolu 5(6)
Artikolu 5(4)	-	Artikolu 6(1)
Artikolu 5(3)	-	Artikolu 6(2)
Artikolu 5(5)	-	Artikolu 6(3)
Artikolu 6(2)	-	Artikolu 7
Artikolu 5(4) u Artikolu 6(2)	-	Artikolu 8
Artikolu 7(1)	-	Artikolu 9(1)
Artikolu 7(2)	-	Artikolu 9(2)
-	-	Artikolu 9(3)
-	-	Artikolu 10
-	-	Artikolu 11
-	Artikolu 9	Artikolu 12

Linja Gwida BĊE/2012/21	Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2021/15)	Din il-Linja Gwida
-	Artikolu 5	Artikolu 13
Artikolu 10	Artikolu 10	Artikolu 14
-	-	Artikolu 15
Artikolu 11	Artikolu 11	Artikolu 16
Artikolu 12	Artikolu 12	Artikolu 17
-	-	Anness I
Anness I	-	Anness II
Anness II	-	Anness III
-	-	Anness IV

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 189 tat-28 ta' Mejju 2021)

Fil-paġna 21, Artikolu 18(3), l-ewwel sentenza,

*minflok:* “3. Il-kontribuzzjonijiet għall-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru tal-fondi dovuti mir-reċipjenti u għandhom jiġu kkunsidrati bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “3. Il-kontribuzzjonijiet għall-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru tal-fondi dovuti mir-reċipjenti u għandhom jiġu kkunsidrati bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 – 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 189 tat-28 ta' Mejju 2021)

Fil-paġna 49, Artikolu 13(4), l-ewwel sentenza:

- minflok:* “4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”,
- aqra:* “4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”.
-

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 202 tat-8 ta' Ġunju 2021)*

Fil-paġna 46, Artikolu 12(3), l-ewwel sentenza,

*minflok:* “3. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti mir-riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “3. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti mir-riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 251 tal-15 ta' Lulju 2021)

Fil-paġna 25, Artikolu 25(5), l-ewwel sentenza:

*minflok:* “5. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti taħt ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “5. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti taħt ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---



**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 251 tal-15 ta' Lulju 2021)

Fil-paġna 72, Artikolu 21(5), l-ewwel sentenza:

*minflok:* “5. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri, u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “5. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri, u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 251 tal-15 ta' Lulju 2021)

Fil-paġna 115, Artikolu 21(6), l-ewwel sentenza:

*minflok:* “6. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “6. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 249 tal-14 ta' Lulju 2021)*

Fil-paġna 55, Artikolu 6(4), l-ewwel sentenza:

*minflok:* “4. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu li huma garanzija suffiċjenti taħt ir-Regolament Finanzjarju. ...”,

*aqra:* “4. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu li huma garanzija suffiċjenti taħt ir-Regolament Finanzjarju. ...”.

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)